Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0241(COD)

13.7.2026

EMENDI
3264 - 3406

Abbozz ta' rapport
Norbert Lins
(PE787.635v01-00)

L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0560 – 2025/0241(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 3264
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi, tfixkil fis-suq u tifqigħat ta' mard
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. F'każ li jseħħu eventi bħal dawn, l-appoġġ għandu jkun disponibbli minnufih għall-bdiewa. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.
	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers, event katastrofiku jew tfixkil fis-suq, kif definit mill-Istat Membru, u li dawk l-eventi, jew il-miżuri adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda jew pest tal-pjanti, jew il-miżuri adottati biex jiġi pprevenut jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw, b'mod dirett, ħsara li twassal għall-qerda ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni

annwali medja tal-bidwi fil-perjodu ta' 3 snin preċedenti jew f'medja ta' 3 snin abbażi tal-perjodu ta' 5 snin preċedenti, eskluża l-ogħla entrata u l-aktar waħda baxxa.

3. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni. Dawk ir-rati jistgħu jkunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 38, paragrafu 1-4 tal-SNR maqbul li jiġi ttrasferit

Żieda ta' "F'każ li jseħħu eventi bħal dawn, l-appoġġ għandu jkun disponibbli minnufih għall-bdiewa"

"30 %" sostitwita b'"20 %"

żieda ta' "jew tfixkil fis-suq"

"għandhom" sostitwita b'"jistgħu"

Emenda 3265
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.
	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers jew event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawk l-eventi, jew il-miżuri adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda jew pest tal-pjanti, jew il-miżuri adottati biex jiġi pprevenut jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw, b'mod dirett, ħsara li twassal għall-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu ta' 3 snin preċedenti jew f'medja ta' 3 snin abbażi tal-perjodu ta' 5 snin preċedenti, eskluż l-ogħla entrata u l-aktar waħda baxxa.
	3. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 38 tal-SNR)

Emenda 3266
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat

aktar mill-Istati Membri.

2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers jew event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawk l-eventi, il-miżuri adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda jew pest tal-pjanti, il-miżuri adottati biex jiġi pprevenut jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw, b'mod direttt, ħsara li wasslet għall-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu ta' 3 snin preċedenti jew f'medja ta' 3 snin abbażi tal-perjodu ta' 5 snin preċedenti, bl-esklużjoni tal-ogħla entrata u l-aktar waħda baxxa.

3. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Emenda 3267
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.
	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers jew event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawk l-eventi, jew il-miżuri adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda jew pest tal-pjanti, jew il-miżuri adottati biex jiġi pprevenut jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw, b'mod dirett, ħsara li twassal għall-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu ta' 3 snin preċedenti jew

f'medja ta' 3 snin abbażi tal-perjodu ta' 5 snin preċedenti, esklużi l-ogħla entrata u l-aktar waħda baxxa.

3. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Or. en

Emenda 3268
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Artikolu 20b (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 38 SNR) Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li huma affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi,

filwaqt li jiżguraw aċċess rapidu, simplifikat u effettiv għall-appoġġ sabiex jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-attività agrikola u l-produzzjoni tal-ikel. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.

L-Istat Membru għandu jiżgura li l-iskemi ta' pagament f'każ ta' kriżi jkunu mfassla biex jippermettu mobilizzazzjoni rapida tal-fondi, bl-inqas dewmien amministrattiv possibbli.

3. It-telf għandu jiġi kkalkulat jew fil-livell tal-azjenda, fil-livell tal-attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata, filwaqt li l-Istat Membru jitħalla jagħżel l-aktar metodoloġija xierqa u l-inqas waħda ta' piż.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni, filwaqt li jqisu s-severità tal-event, l-ispeċifiċitajiet reġjonali u l-ħtieġa li jiġi żgurat irkupru rapidu tal-kapaċità tal-produzzjoni agrikola. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-kriżijiet jiġu kkoordinati ma' għodod għall-ġestjoni tar-riskju skont il-PAK sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi żgurat użu koerenti u effiċjenti tal-fondi pubbliċi.

Or. en

Emenda 3269
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Ana Miranda Paz

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.
	1a. (ġdid) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw permezz tal-kontroll tal-koerenza u tal-verifika tal-Kummissjoni fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 23(1) tal-[SNR] li l-għajnuna ma għandhiex tingħata b'mod li jħeġġeġ prattiki ta' adattament ħażin. Skont il-prinċipju tal-effiċjenza baġitarja, l-għajnuna għar-restawr tal-produzzjoni għandha tkun adattata b'mod xieraq għall-klima biex timminimizza l-esponiment ripetut għall-istess riskji jew għal riskji simili: it-tħawwil mill-ġdid u r-restawr għandhom ikunu multispeċijiet, diversità ġenetika għolja u reżiljenti għall-pesti, għall-klima u għall-ilma, filwaqt li jiġu evitati l-monokulturi. Il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Istati Membri għandhom jużaw il-pagamenti ta' kriżi biss flimkien ma' attivitajiet ta' prevenzjoni u mitigazzjoni tar-riskju.
	1b. (ġdid) F'konformità mal-paragrafi ta'

hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità lill-pagamenti ta' kriżi lill-benefiċjarji li jimplimentaw, jew li jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw f'perjodu definit mill-Istati Membri, miżuri u interventi preventivi u ta' adattament fil-livell tal-azjendi agrikoli li għandhom l-għan li jnaqqsu l-esponiment għal eventi bħal dawn u l-mitigazzjoni tal-impatt tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi għal tali miżuri preventivi u ta' adattament.

2. (...)

3. (...)

4. (...)

5. (...)

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 38 tal-SNR)

Żdiedu 1a, b.

Jeħtieġ li nibnu mill-ġdid aħjar wara kriżi, sabiex tkun aktar reżiljenti u adattata għall-isfidi kontemporanji, biex nevitaw il-ħela ta' flus pubbliċi.

Emenda 3270
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Appoġġ għall-iżvilupp ta' kooperattivi ta' produzzjoni agrikola, kooperattivi agrikoli u organizzazzjonijiet tal-produtturi
	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-istabbiliment, għall-iżvilupp u għall-operat ta' kooperattivi ta' produzzjoni agrikola, kooperattivi agrikoli u

organizzazzjonijiet tal-produtturi

2. L-appoġġ jista' jinkludi, b'mod partikolari:

(a) l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda;

(b) l-iżvilupp ta' entitajiet eżistenti;

(c) investimenti konġunti;

(d) l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ħażna;

(e) l-iżvilupp ta' operazzjonijiet ta' pproċessar;

(f) l-organizzar ta' bejgħ konġunt;

(g) ix-xiri konġunt ta' mezzi tal-produzzjoni;

(h) l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi;

(i) id-diġitalizzazzjoni tal-attivitajiet;

(j) miżuri ta' promozzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ ikollu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività tal-azjendi agrikoli, itejjeb il-pożizzjoni tal-produtturi agrikoli fil-katina tal-provvista tal-ikel u jżid il-valur miżjud miżmum mill-produtturi.

4. L-appoġġ jista' jingħata fil-forma ta':

(a) għotjiet;

(b) strumenti finanzjarji;

(c) għajnuna għal servizzi ta' konsulenza;

(d) għajnuna għat-tahriġ.

Or. pl

Emenda 3271
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 20b

Rati ta' kofinanzjament għar-reġjuni ultraperiferiċi

1. B'deroga mir-regoli komuni dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Pjanijiet SNR, ir-rata ta' finanzjament mill-Unjoni għandha tkun ta' 100 % għan-nefqa li ġejja:

(a) il-miżuri agrikoli fl-ambitu tal-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI) fir-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u skont ir-Regolament (UE) Nru 228/2013;

(b) skemi oħra ta' appoġġ għall-introjtu fir-reġjuni ultraperiferiċi.

2. Fil-każ ta' miżuri ta' żvilupp rurali, b'mod partikolari miżuri ta' appoġġ għall-investiment, kif ukoll miżuri relatati mal-iżvantaġġi naturali u miżuri agroambjentali u klimatiċi adottati fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat ma jistgħux jaqbżu l-15 % tat-total tan-nefqa pubblika eliġibbli.

Or. pt

Emenda 3272
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Artikolu 20b (ġdid) Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni.

Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 38 tal-SNR)

TĦASSIR: Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ.

Mhuwiex xieraq li jiġu stabbiliti limiti differenzjati, minħabba li għall-biċċa l-kbira tal-eventi eċċezzjonali ma hemm l-ebda azzjoni preventiva fil-livell tal-azjenda agrikola.

Emenda 3273
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Artikolu 20d (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 41 tal-SNR) Implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil dwar iż-żrieragħ żejtnin
	1. Meta l-Istati Membri jipprevedu interventi bbażati fuq iż-żona rilevanti għall-Anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-GATT, it-total taż-żona ta' appoġġ ibbażat fuq l-outputs previsti inklużi fil-Pjanijiet tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jaqbeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha. L-applikazzjoni ta' dik iż-żona massima ta' appoġġ għandha tqis l-importanza

strateġika tal-għelejjel żejtnija u tal-proteini għas-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija tal-ikel tal-Unjoni, għall-awtonomija tal-ikel, għan-newba tal-għelejjel, għar-reżiljenza tal-ħamrija, għall-adattament għan-nixfa u għad-dipendenza mnaqqsa fuq l-importazzjonijiet.

2. Kull Stat Membru li jkollu l-ħsieb li jagħti l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jindika fil-Pjan tar-Riżorsi Naturali (PRN) iż-żoni korrispondenti previsti, espressi f'ettari. Dawk iż-żoni ppjanati għandhom ikunu ġġustifikati abbażi ta' kriterji oġġettivi, inklużi l-kundizzjonijiet agronomiċi, il-potenzjal tal-produzzjoni reġjonali, ir-rwol tal-għelejjel żejtnija u tal-proteini fin-newba tal-għelejjel, ir-reżiljenza għan-nixfa, is-sigurtà tal-ikel u tal-għalf, u l-ħtieġa li tinżamm l-attività agrikola f'żoni f'riskju ta' abbandun.

3. Jekk ir-riżultati previsti kollha proposti mill-Istati Membri fil-pjanijiet tal-PNR tagħhom jaqbżu ż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu ż-żona ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru. Tali żona ta' appoġġ ta' referenza għandha tiġi kkalkulata abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru taż-żona medja ta' kultivazzjoni fl-Unjoni matul il-ħames snin ta' qabel is-sena ta' qabel il-preżentazzjoni tal-proposta għall-Pjan, filwaqt li jitqiesu kriterji agronomiċi, klimatiċi u soċjoekonomiċi oġġettivi, inklużi l-vulnerabbiltà għan-nixfa, ir-rwol tal-għelejjel taż-żrieragħ żejtnija fin-newba tal-għelejjel, id-dipendenza reġjonali fuq dawk l-għelejjel, l-awtonomija tal-proteini u tal-għalf, u ż-żoni f'riskju ta' abbandun. Dik iż-żona ta' appoġġ ta' referenza ma għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri milli jżidu ż-żoni appoġġati fejn debitament ġustifikat minn ħtiġijiet agronomiċi, klimatiċi jew

soċjoekonomiċi oġġettivi, b'mod partikolari l-vulnerabbiltà għan-nixfa, l-awtonomija tal-proteini u tal-għalf, ir-rekwiżiti tan-newba tal-għelejjel u l-prevenzjoni tal-abbandun tal-art. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88 tar-Regolament SNR [proċedura ta' kumitat].

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lil kull wieħed minn dawk l-Istati Membri dwar il-koeffiċjent ta' tnaqqis. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw il-prodotti previsti fil-Pjanijiet PNR f'konformità mal-koeffiċjenti ta' tnaqqis, filwaqt li jiżguraw li dak l-aġġustament ma jaffettwax b'mod sproporzjonat lir-reġjuni jew lis-sistemi agrikoli fejn l-għelejjel żejtnin u tal-proteini huma essenzjali għan-newba tal-għelejjel, għall-adattament għan-nixfa, għall-awtonomija tal-ikel, għar-reżiljenza tal-ħamrija jew għaż-żamma tal-attività agrikola.

6a. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħtu appoġġ lill-bdiewa li jipproduċu l-għelejjel żejtnin jew tal-proteini taħt interventi oħra tal-PAK, inkluż appoġġ akkoppjat għall-introjtu, azzjonijiet agroambjentali klimatiċi, investimenti, għodod għall-ġestjoni tar-riskju, pjanijiet ta' effiċjenza, tiġdid ġenerazzjonali, il-programm LEADER jew interventi li jikkonċernaw l-objettivi rurali, dment li dak l-appoġġ jikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u mar-regoli internazzjonali.

7. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol użata għall-konsum domestiku minn kwalunkwe intervent ibbażat fuq iż-żona msemmi fil-paragrafu 1. Dan ma għandux jimmina l-possibbiltà li jiġu appoġġati l-bdiewa li jkabbru ż-żrieragħ tal-ġirasol għall-konsum domestiku taħt interventi oħra tal-PAK li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu

1, inkluži investimenti, strumenti għall-ġestjoni tar-riskju, azzjonijiet agroambjentali klimatiċi, interventi LEADER jew interventi taħt objettivi rurali, li fihom tali appoġġ jikkontribwixxi għar-reżiljenza agrikola, għad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, għall-valur miżjud jew għaż-żamma tal-attività agrikola.

Or. es

Emenda 3274
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti komuni
	1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi tipi speċifiċi ta' intervent fis-settur agrikolu biex jiġu mmitigati d-diffikultajiet ikkawżati mill-insularità, mid-daqs żgħir u mid-distanza mis-swieq tal-gżejjer minuri tal-Eġew.
	2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.
	***3. Minbarra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament SNR fl-ambitu tal-programmi nazzjonali għall-iżvilupp rurali,l-interventi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi li ġejjin: (a) l-iżgurar tal-provvista lill-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u inputs agrikoli, billi jiġu mmitigati l-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema jew l-**

insularità tagħhom, mingħajrpreġudizzju għall-produzzjoni lokali u għat-tkabbir tagħha; (b) l-iżgurar tal-futur fit-tul u l-iżvilupp tal-attivitajiet agrikoli fil-gżejjer minuri tal-Eġew, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom.

4. Il-Greċja tista' timplimenta fil-gżejjer minuri tal-Eġew l-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru, ħlief għal dawk imsemmija fil-punt (o) [reġjuni ultraperiferiċi] tiegħu [Tipi ta' intervent].

5. Il-ġestjoni responsabbli tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandha tapplika għall-benefiċjarji li jirċievu appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) tar-Regolament SNR [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali].

6. Madankollu, il-benefiċjarji tal-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) tar-Regolament SNR [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali] li jirċievu pagament annwali li ma jaqbiżx it-EUR 3 000 għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-ġestjoni responsabbli tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Anness XI, il-partijiet A u C, ta' dan ir-Regolament.

Or. es

Emenda 3275
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Setgħat delegati u ta' implimentazzjoni

tal-Kummissjoni relatati mas-sistema integrata

1. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista fl-Artikolu 20j tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimentaw dan ir-Regolament: (a) b'regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fil-paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c); (b) b'regoli dwar l-LPIS, imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c). 2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar: (a) il-forma u l-kontenut ta', u l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ta': (i) ir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu (4); (ii) l-azzjonijiet ta' rimedju pprovduti mill-Istati Membri; (b) il-karatteristiċi bażiċi, u regoli dwar: (i) l-AMS;(ii) il-GSA; (iii) LPIS (iv) is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art.

3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3) [proċedura ta' kumitat, proċedura ta' eżami].

Or. en

Emenda 3276
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c

Artikolu 40 tar-Regolament SNR – Għajnuna domestika tad-WTO – ittrasferit mir-Regolament PSNR

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK abbażi tat-tipi ta' intervent elenkati fl-Anness IIa [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2a u 2b [Definizzjonijiet u qafas ta' definizzjoni], b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.

2. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punti (a), (d), (f), (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament, għandu jikkwalifika skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness IIa [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness IIa [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament [Anness tad-WTO] huma indikattivi u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu differenti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan SNR.

Or. ro

Emenda 3277
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Appoġġ għaż-żamma tal-ilma u r-reżiljenza tal-azjendi għall-effetti tat-tibdil fil-klima

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal investimenti li jżidu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli għall-effetti tat-tibdil fil-klima.

2. L-appoġġ jista' jinkludi, b'mod partikolari:

(a) il-bini u l-modernizzazzjoni ta' tagħmir għaż-żamma tal-ilma;

(b) l-iżvilupp ta' miżuri għaż-żamma tal-ilma fuq skala żgħira;

(c) il-bini ta' faċilitajiet ta' drenaġġ li jgħinu ż-żamma tal-ilma;

(d) investimenti li għandhom l-għan li jlaħħqu effiċjenza akbar fl-użu tar-riżorsi tal-ilma;

(e) monitoraġġ tan-nixfa u sistemi ta' ġestjoni tal-ilma;

(f) soluzzjonijiet li jillimitaw l-impatt tan-nixfa u tal-għarar;

(g) investimenti li għandhom l-għan li jiġġieldu kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-azjendi biex jadattaw ruħhom għat-tibdil fil-klima u jillimitaw ir-riskju ta' telf fil-produzzjoni kkawżat minn avvenimenti klimatiċi estremi.

4. Meta jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-appoġġ, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kundizzjonijiet klimatiċi, idroloġiċi u ambjentali lokali u l-ħtieġa li tiżdied ir-reżiljenza tal-agrikoltura għall-effetti tat-tibdil fil-klima.

Or. pl

Emenda 3278
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Appoġġ domestiku tad-WTO
	1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK abbażi tat-tipi ta' intervent elenkati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1a (ġdid) u fl-Artikolu 1b (ġdid) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 4 tar-Regolament SNR, b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.
	2. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punti (a), (d), (g), (o) u (p) ta' dak ir-Regolament għandu jikkwalifika skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament [Anness tad-WTO] huma indikattivi u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu differenti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan SNR.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 40 tal-SNR)

Emenda 3279
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Appoġġ domestiku tad-WTO
	1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK abbażi tat-tipi ta' intervent elenkati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1a (ġdid) u fl-Artikolu 1b (ġdid) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 4 tar-Regolament SNR, b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.
	2. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1, il-punti (a), (d), (g), (o) u (p) tar-Regolament SNR għandu jikkwalifika skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament [Anness tad-WTO] huma indikattivi u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu differenti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan SNR.

Or. en

Emenda 3280
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c

Appoġġ domestiku tad-WTO

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK abbażi tat-tipi ta' intervent elenkati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] tar-Regolament PSNR, inklużi d-definizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1a (ġdid) u fl-Artikolu 1b (ġdid) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 4 tar-Regolament SNR, b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.

2. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 5, il-punti (a), (d), (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament għandu jikkwalifika skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament [Anness tad-WTO] huma indikattivi u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu differenti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan SNR.

Or. en

Emenda 3281
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Appoġġ domestiku tad-WTO
	1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-

interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK abbażi tat-tipi ta' intervent elenkati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1a (ġdid) u fl-Artikolu 1b (ġdid) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 4 tar-Regolament SNR, b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.

2. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punti (a), (d), (g), (o) u (p) ta' dak ir-Regolament għandu jikkwalifika skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII [Anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura indikati fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament [Anness tad-WTO] huma indikattivi u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu differenti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan SNR.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 40 tal-SNR

Emenda 3282
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	(ġdid) Arranġamenti tranżizzjonali
	Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-applikazzjoni kontinwa tar-regoli tal-

qafas attwali tal-PAK li jkopru l-perjodu mill-2023 sal-2027 ("il-qafas attwali tal-PAK") u pagamenti mingħajr interruzzjoni lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra, u b'hekk jipprovdi prevedibbiltà u stabbiltà matul il-perjodu tranżizzjonali fis-snin 2028 u 2029 ("perjodu tranżizzjonali") sad-data tal-applikazzjoni tal-qafas legali l-ġdid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-iskedi ta' żmien leġiżlattivi u l-kumplessità tal-qafas il-ġdid ta' governanza tal-baġit tal-UE, nemmnu li għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ għall-bdiewa skont ir-regoli eżistenti. Dan jippermetti t-tlestija tal-proċess koleġiżlattiv, l-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-SNR u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE u regoli ta' implimentazzjoni nazzjonali.

Emenda 3283
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20c
	Implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil dwar iż-żieragħ żejtnin
	— imħassar l-Art. kollu —

Or. en

("Closing the EU protein gap – Drivers, synergies and trade-offs" (L-għeluq tad-distakk tal-UE fil-proteini – Xprunaturi, sinerġiji u kompromessi), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2760/84255; pubblikazzjoni tal-JRC minn Hristov et al 2024)*

Ġustifikazzjoni

Il-MtQ wassal għal dipendenza żejda severa fuq iż-żieragħ żejtnin importati inklużi l-għelejjel leguminużi li fihom il-proteini bħas-sojja, u għal tnaqqis serju fit-tnissil taż-żieragħ tal-UE ta' għelejjel leguminużi/li fihom il-proteini bħall-fażola, il-piżelli, l-għads u l-lupini,

kemm għall-użu tal-ikel kif ukoll speċjalment tal-għalf - id-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-għalf għall-għelejjel li fihom il-proteini hija għolja sa 75 %; dawn ftit li xejn jitkabbru fl-UE, u ntilfu ħafna razez lokali/reġjonali. Il-MtQ joħloq ostaklu legali għall-iżvilupp tat-tnissil u s-suq taż-żrieragħ żejtnin imkabbra fl-UE stess; huwa fl-interess tal-awtosuffiċjenza u l-awtonomija strateġika tagħna li niżviluppaw dak is-suq.*

Emenda 3284
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	[l-Artikolu 70, il-paragrafi (4) sa (10) tar-Regolament SNR] – Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) – ittrasferit mir-Regolament PSNR
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g).
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-[intendenza tal-azjendi agrikoli] msemmija fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [PAK], u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi].
	3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:
	(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u tal-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;
	(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali

għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-għajnuna u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-miżuri jiġu mmonitorjati fl-ambitu tas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fl-Artikolu70(3), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) [...] [SNR], f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni. Meta l-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw azzjonijiet ta' rimedju xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, għandhom jintalbu mill-Kummissjoni biex jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju pendenti. Rapport ta' valutazzjoni u, meta jkun xieraq, l-azzjonijiet ta' rimedju u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar ta' wara s-sena kalendarja kkonċernata.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-

data satellitari, meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu, mingħajr ħlas lill-awtoritajiet kompetenti għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu jew lill-fornituri tas-servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom, mingħajr ħlas, l-immaġnijiet meħtieġa b'Riżoluzzjoni Għolja Ħafna. Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data u tal-immaġnijiet satellitari.

6. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni u għall-applikazzjoni tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art. Din għandha tipprovdi informazzjoni lill-bdiewa biex tappoġġa l-ġestjoni sostenibbli tal-azjendi tagħhom. Barra minn hekk, din għandha tipprovdi data għall-iżvilupp u għall-monitoraġġ tal-politika tal-PAK, u tippromwovi l-kondiviżjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli.

7. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi mill-inqas id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 70(3) tar-Regolament (UE) [...] [SNR] u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 10. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa. 8. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) [...] [SNR] tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23,

li jissupplimentaw dan ir-Regolament:

(a) b'regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fl-Artikolu 70(3), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) [...] [SNR];

(b) b'regoli dwar is-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS) imsemmija fl-Artikolu 70(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut ta', u l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ta':

(I) ir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu (1);

(II) l-azzjonijiet ta' rimedju pprovduti mill-Istati Membri;

(b) il-karatteristiċi bażiċi, u regoli dwar:

(I) is-sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS);

(II) is-sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA);

(III) is-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(IV) is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art.

10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24 [proċedura ta' kumitat, proċedura ta' eżami].

Or. ro

Emenda 3285

Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil dwar iż-żrieragħ żejtnin
	1. Meta l-Istati Membri jipprevedu interventi bbażati fuq iż-żona rilevanti għall-Anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), it-total taż-żona ta' appoġġ ibbażat fuq l-outputs ippjanati inklużi fil-Pjanijiet tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jaqbeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha.
	2. Kull Stat Membru li jkun beħsiebu jagħti l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jindika l-outputs ippjanati korrispondenti f'ettari fil-Pjan SNR.
	3. Jekk l-outputs ippjanati kollha proposti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom jaqbżu ż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw iż-żona ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru kkalkulata abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru taż-żona medja ta' kultivazzjoni fl-Unjoni matul il-5 snin preċedenti li jibdew mis-sena ta' qabel is-sottomissjoni tal-proposta tal-Pjan. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88 tar-Regolament SNR [proċedura ta' kumitat].
	4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lil kull wieħed minn dawk l-Istati Membri dwar il-koeffiċjent ta' tnaqqis. L-Istati

Membri għandhom jaġġustaw l-outputs ippjanati proposti fil-Pjanijiet SNR f'konformità mal-koeffiċjenti ta' tnaqqis.

5. Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jżid l-outputs ippjanati msemmija fil-paragrafu 1 stabbiliti fil-Pjan SNR approvat mill-Kummissjoni, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni permezz ta' talba biex jiġi emendat il-Pjan SNR.

6. Meta jkun meħtieġ biex jiġi evitat li tinqabeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjenti ta' tnaqqis jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis eżistenti għall-Istati Membri kollha li qabżu ż-żona ta' appoġġ ta' referenza tagħhom fil-Pjanijiet SNR tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis imsemmija fl-ewwel subparagrafu permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol użata għall-ħlewwiet minn kwalunkwe intervent ibbażat fuq iż-żona msemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 41 tal-SNR)

Emenda 3286
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Implimentazzjoni tal-Memorandum ta'

Qbil dwar iż-żrieragħ żejtnin.

1. Meta l-Istati Membri jipprevedu interventi bbażati fuq iż-żona rilevanti għall-Anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), it-total taż-żona ta' appoġġ ibbażat fuq l-outputs ippjanati inklużi fil-Pjanijiet tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jaqbeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha.

2. Kull Stat Membru li jkun beħsiebu jagħti l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jindika l-outputs ippjanati korrispondenti f'ettari fil-Pjan SNR.

3. Jekk l-outputs ippjanati kollha proposti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom jaqbżu ż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw iż-żona ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru kkalkulata abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru taż-żona medja ta' kultivazzjoni fl-Unjoni matul il-5 snin preċedenti li jibdew mis-sena ta' qabel is-sottomissjoni tal-proposta tal-Pjan. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88 tar-Regolament SNR [proċedura ta' kumitat].

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lil kull wieħed minn dawk l-Istati Membri dwar il-koeffiċjent ta' tnaqqis. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw l-outputs ippjanati proposti fil-Pjanijiet SNR f'konformità mal-koeffiċjenti ta' tnaqqis.

5. Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jżid l-outputs ippjanati msemmija fil-paragrafu 1 stabbiliti fil-Pjan SNR approvat mill-Kummissjoni, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni permezz ta'

talba biex jiġi emendat il-Pjan SNR.

6. Meta jkun meħtieġ biex jiġi evitat li tinqabeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjenti ta' tnaqqis jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis eżistenti għall-Istati Membri kollha li qabżu ż-żona ta' appoġġ ta' referenza tagħhom fil-Pjanijiet SNR tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis imsemmija fl-ewwel subparagrafu permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol użata għall-ħlewwiet minn kwalunkwe intervent ibbażat fuq iż-żona msemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 3287
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil dwar iż-żrieragħ żejtnin
	1. Meta l-Istati Membri jipprevedu interventi bbażati fuq iż-żona rilevanti għall-Anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), it-total taż-żona ta' appoġġ ibbażat fuq l-outputs ippjanati inklużi fil-Pjanijiet tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jaqbeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni

kollha.

2. Kull Stat Membru li jkun beħsiebu jagħti l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jindika l-outputs ippjanati korrispondenti f'ettari fil-Pjan SNR.

3. Jekk l-outputs ippjanati kollha proposti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom jaqbżu ż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw iż-żona ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru kkalkulata abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru taż-żona medja ta' kultivazzjoni fl-Unjoni matul il-5 snin preċedenti li jibdew mis-sena ta' qabel is-sottomissjoni tal-proposta tal-Pjan. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88 tar-Regolament SNR [proċedura ta' kumitat].

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lil kull wieħed minn dawk l-Istati Membri dwar il-koeffiċjent ta' tnaqqis. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw l-outputs ippjanati proposti fil-Pjanijiet SNR f'konformità mal-koeffiċjenti ta' tnaqqis.

5. Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jżid l-outputs ippjanati msemmija fil-paragrafu 1 stabbiliti fil-Pjan SNR approvat mill-Kummissjoni, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni permezz ta' talba biex jiġi emendat il-Pjan SNR.

6. Meta jkun meħtieġ biex jiġi evitat li tinqabeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjenti ta' tnaqqis jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis eżistenti għall-Istati Membri kollha li qabżu ż-żona ta' appoġġ ta' referenza tagħhom fil-Pjanijiet SNR tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis imsemmija fl-ewwel subparagrafu permezz ta' deċiżjoni

ta' implimentazzjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol użata għall-ħlewwiet minn kwalunkwe intervent ibbażat fuq iż-żona msemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 41

Emenda 3288
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil dwar iż-żrieragħ żejtnin
	1. Meta l-Istati Membri jipprevedu interventi bbażati fuq iż-żona rilevanti għall-Anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-GATT, it-total taż-żona ta' appoġġ ibbażat fuq l-outputs ippjanati inklużi fil-Pjanijiet tal-Istati Membri kkonċernati ma għandux jaqbeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha.
	2. Kull Stat Membru li jkun beħsiebu jagħti l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jindika l-outputs ippjanati korrispondenti f'ettari fil-Pjan SNR.
	***3. Jekk l-outputs ippjanati kollha proposti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom jaqbżu ż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta'**

implimentazzjoni li jiffissaw iż-żona ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru kkalkulata abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru taż-żona medja ta' kultivazzjoni fl-Unjoni matul il-5 snin preċedenti li jibdew mis-sena ta' qabel is-sottomissjoni tal-proposta tal-Pjan. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88 tar-Regolament SNR [proċedura ta' kumitat].

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lil kull wieħed minn dawk l-Istati Membri dwar il-koeffiċjent ta' tnaqqis. L-Istati Membri għandhom jaġġustaw l-outputs ippjanati proposti fil-Pjanijiet SNR f'konformità mal-koeffiċjenti ta' tnaqqis.

5. Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jżid l-outputs ippjanati msemmija fil-paragrafu 1 stabbiliti fil-Pjan SNR approvat mill-Kummissjoni, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni permezz ta' talba biex jiġi emendat il-Pjan SNR.

6. Meta jkun meħtieġ biex jiġi evitat li tinqabeż iż-żona massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fil-forma ta' deċiżjoni li jistabbilixxu l-koeffiċjenti ta' tnaqqis jew tirrevedi l-koeffiċjenti ta' tnaqqis eżistenti għall-Istati Membri kollha li qabżu ż-żona ta' appoġġ ta' referenza tagħhom fil-Pjanijiet SNR tagħhom.

7. L-Istati Membri għandhom jeskludu l-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-ġirasol użata għall-ħlewwiet minn kwalunkwe intervent ibbażat fuq iż-żona msemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 3289
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Skemi speċifiċi tal-provvista
	1. Għandhom jiġu stabbiliti skemi speċifiċi tal-provvista għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE li huma essenzjali fil-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala inputs agrikoli.
	2. Il-Greċja għandha tistabbilixxi fil-Pjan tagħha, fil-livell ġeografiku li tqis l-aktar xieraq, volum massimu ta' kull prodott agrikolu, minn fost il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, biex tikkwantifika r-rekwiżiti annwali ta' provvista għall-gżejjer minuri tal-Eġew.
	3. Il-volum massimu ta' prodotti agrikoli msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll il-volumi ta' dawk il-prodotti meħtieġa mill-impriżi li jippakkjaw u jipproċessaw prodotti maħsuba għas-suq lokali, għall-konsenja lejn il-bqija tal-Unjoni jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi bħala parti mill-kummerċ reġjonali jew fil-kuntest ta' flussi kummerċjali tradizzjonali. Il-volum massimu tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi stabbilit billi jitqiesu, b'mod partikolari, il-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti stabbiliti fil-karti tal-bilanċ tat-tbassir tal-provvista fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.
	4. Għandu jingħata appoġġ biex il-gżejjer minuri tal-Eġew jiġu fornuti bi prodotti tal-Unjoni, biex jiġu żgurati r-rekwiżiti speċjali ta' provvista stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 f'termini ta' prezz u kwalità, filwaqt li jinżamm is-sehem tal-Unjoni fil-provvista ta' dawk il-prodotti.
	5. Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ

għall-provvista ta' prodotti li jkunu diġà bbenefikaw mill-iskema speċifika tal-provvista fi ġejjer minuri oħra tal-Eġew.

6. Prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss għandhom jibbenefikaw mill-iskema speċifika tal-provvista.

7. Fl-implimentazzjoni tal-iskema speċifika tal-provvista, il-Greċja għandha tqis, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-produzzjoni lokali eżistenti ma tiġix destabbilizzata u lanqas ostakolata fl-iżvilupp tagħha u r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 5.

Or. es

Emenda 3290
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Artikolu 20i (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 57 tal-SNR) Network Ewropew u nazzjonali tal-PAK
	3. L-objettivi tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandhom ikunu li:
	(a) jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-bdiewa, lill-kooperattivi, lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, lill-komunitajiet tal-irrigazzjoni, lill-bdiewa żgħażagħ, lin-nisa fil-qasam rurali, lill-gruppi ta' azzjoni lokali u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fir-rieżami tal-interventi tal-PAK tal-Pjan għat-Tnaqqis tar-Riskju tal-Popolazzjoni (PRNP).
	(d) irawmu l-innovazzjoni, it-tagħlim bejn

il-pari u l-iskambju tal-għarfien, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma, l-irrigazzjoni sostenibbli, l-użu mill-ġdid tal-ilma, id-diġitalizzazzjoni, il-biedja ta' preċiżjoni, is-saħħa tal-pjanti u tal-annimali, il-bijosigurtà, il-ġestjoni integrata tal-pesti, it-tiġdid ġenerazzjonali, il-prevenzjoni tan-nirien, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-kompetittività agrikola u s-sigurtà tal-ikel;

4. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, in-networks għandhom:

(a) jiġbru, janalizzaw u jxerrdu informazzjoni dwar prattiki tajbin relatati mal-PAK, kif ukoll analiżijiet dwar l-iżviluppi fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, inklużi prattiki tajbin relatati mal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, il-prevenzjoni tan-nirien, il-ġestjoni tal-ħamrija u t-trobbija tal-bhejjem;

(d) jappoġġaw il-ħolqien ta' networks ta' proġetti ta' kooperazzjoni ffinanzjati, bħal gruppi ta' azzjoni lokali (LEADER), gruppi operazzjonali EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, kooperattivi, organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet agrikoli, u jippromwovu rabtiet ma' strateġiji oħra ffinanzjati mill-Unjoni.

Or. es

Emenda 3291
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Appoġġ għall-bijosigurtà u għall-prevenzjoni u għall-eradikazzjoni tal-mard trażmissibbli fl-annimali

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-livell ta' bijosigurtà fl-azjendi agrikoli u l-prevenzjoni u l-eradikazzjoni tal-mard trażmissibbli fl-annimali;

2. L-appoġġ jista' jinkludi, b'mod partikolari:

(a) investimenti li għandhom l-għan li jtejbu l-livell ta' bijosigurtà;

(b) xiri ta' tagħmir u faċilitajiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-bijosigurtà;

(c) miżuri veterinarji obbligatorji;

(d) testijiet tal-laboratorju;

(e) miżuri relatati mal-monitoraġġ tal-mard trażmissibbli;

(f) miżuri relatati mal-eradikazzjoni tat-tifqigħ tal-mard trażmissibbli;

(g) taħriġ u pariri dwar il-bijosigurtà.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-kopertura, fl-intier jew parti minnhom, tal-kostijiet tal-miżuri previsti mid-dispożizzjonijiet fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.

4. L-appoġġ għandu jgħin biex iżid il-livell ta' bijosigurtà fl-azjendi agrikoli, fit-trażżin tat-telf ekonomiku u fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni.

Or. pl

Emenda 3292
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art

1. Is-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art għandha tkun sistema ta' informazzjoni ġeografika li l-Istati Membri jistabbilixxu u jaġġornaw b'mod regolari abbażi ta' ortoimmaġni mill-ajru jew mill-ispazju, bi standard uniformi li jiżgura livell ta' preċiżjoni li jkun tal-inqas ekwivalenti għal dak tal-kartografija bi skala ta' 1:5 000.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art: (a) tidentifika b'mod uniku kull roqgħa art agrikola u kull unità tal-art li jkun fiha żoni mhux agrikoli meqjusa eliġibbli mill-Istati Membri biex jirċievu l-għajnuna għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, u jkun fiha valuri aġġornati dwar iż-żoni meqjusa eliġibbli mill-Istati Membri biex jirċievu l-għajnuna għal dawn l-interventi; (b) tippermetti li jiġu lokalizzati korrettament l-irqajja' tal-art u ż-żoni mhux agrikoli li għalihom qed jintalab il-pagament;

Or. en

Emenda 3293
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20d
	Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti komuni
	(...)
	6. Madankollu, il-benefiċjarju ta' appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali] li jirċievi pagament annwali li ma jaqbiżx it-EUR 3 000 għandu jkun eżentat mill-kontrolli u s-sanzjonijiet tal-intendenza

tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Anness XI, il-partijiet A u C, ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 42 tal-SNR; "(...)" = l-ebda bidla mill-Artikolu tal-SNR) Żieda f'6. "kontrolli u s-sanzjonijiet ta'". "Rekwiżiti" titħassar. L-istatus quo skont il-prattiki tajba tal-biedja jippermetti lill-bdiewa ż-żgħar fl-iskema ssimplifikata ta' somma f'daqqa biex jibbenefikaw ukoll minn pagamenti ta' inċentiv.

Emenda 3294
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Artikolu 20j (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 70 tal-SNR) Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC)
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din is-sistema għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), ta' dan ir-Regolament u għandha titfassal u tiġi implimentata bħala għodda għas-simplifikazzjoni, għaċ-ċertezza legali, għall-pagamenti ta' darba u għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-bdiewa u għall-benefiċjarji.
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-amministrazzjoni tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet rilevanti kollha, għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament dwar il-Programm Nazzjonali għal

Riforma Agrikola, dment li tali użu ma jiġġenerax obbligi ta' informazzjoni addizzjonali, kontrolli duplikati jew penali awtomatiċi għall-bdiewa jew għall-benefiċjarji.

3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:

(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (SGA). L-SGA hija proċedura ta' osservazzjoni, monitoraġġ u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u tal-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data satellitari Sentinel ta' Copernicus; bl-għan li tiġi appoġġata l-ġestjoni tal-interventi tal-PAK, jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post u jiġu assistiti l-bdiewa u l-amministrazzjonijiet. L-informazzjoni ġġenerata mill-SGA ma għandhiex, fiha nnifisha, tikkostitwixxi bażi suffiċjenti għal penali, tnaqqis fil-pagamenti, esklużjonijiet jew irkupri mingħajr verifika minn qabel u mingħajr ma tagħti lill-bidwi jew lill-benefiċjarju kkonċernat l-possibbiltà li jipprovdi spjegazzjonijiet, korrezzjonijiet jew evidenza ta' sostenn;

(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (SAG). Is-SAG hija għodda diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda agrikola; is-SAG għandha tkun faċli għall-utent, aċċessibbli u, fejn possibbli, iċċarġjata minn qabel b'informazzjoni diġà disponibbli għall-amministrazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' darba biss. Il-benefiċjarji jistgħu jikkoreġu, jaġġornaw jew jiċċaraw l-informazzjoni sottomessa mingħajr piż amministrattiv sproporzjonat;

(f) sistema ta' kontroll u penali bbażata fuq il-proporzjonalità, l-analiżi tar-riskju u d-dritt tal-benefiċjarju li jinstema'. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-appoġġ u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-

legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati, meta jkun meħtieġ, b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. L-Istati Membri għandhom jevitaw id-duplikazzjoni tal-verifiki u jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà tal-miżuri jiġu mmonitorjati skont is-sistema ta' kontroll agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu. Żbalji żgħar, ovvji jew mhux intenzjonati ma għandhomx iwasslu għal penali sproporzjonati.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni. Meta l-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri korrettivi xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni għandha titlob li jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi pendenti. Ir-rapport ta' valutazzjoni u, fejn rilevanti, il-miżuri korrettivi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara s-sena kalendarja kkonċernata. In-nuqqasijiet fil-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata ma għandhomx iwasslu awtomatikament għal dewmien, tnaqqis, esklużjonijiet jew irkupri ta' pagamenti lill-bdiewa jew lill-benefiċjarji meta dawk in-nuqqasijiet ikunu attribwibbli għal problemi amministrattivi, tekniċi jew relatati mas-sistema.

6. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art. Din is-sistema għandha tipprovdi

informazzjoni utli, aċċessibbli u prattika lill-bdiewa biex tappoġġa l-ġestjoni sostenibbli, l-effiċjenza tal-ilma, il-ġestjoni tal-ħamrija, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tan-nirien, il-pesti u l-mard, u r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli tagħhom. Barra minn hekk, għandha tipprovdi data aggregata u anonimizzata għall-iżvilupp u għall-monitoraġġ tal-politiki tal-PAK, u tista' tippromwovi l-iskambju volontarju tad-data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, filwaqt li tirrispetta l-protezzjoni tad-data, il-kunfidenzjalità tan-negozju u l-kontroll tal-bdiewa fuq id-data dwar l-attivitajiet tagħhom.

7. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi, mill-inqas, id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-użu tad-data kondiviża mill-bdiewa għandu jkun limitat għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta, ħlief jekk il-bidwi jew il-benefiċjarju kkonċernat ikun ta l-kunsens tiegħu għal użu ulterjuri jew id-data ma tkunx aggregata jew anonimizzata. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa.

8. Meta jkun strettament meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista f'dan il-Kapitolu tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju, u b'hekk tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli tekniċi biss dwar:

(a) il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata,

imsemmija fil-paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c);

(b) is-Sistema Integrata tal-Prezzijiet tal-Ikel (SIP), imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c). Dawn l-atti delegati ma għandhomx jintroduċu kundizzjonijiet ġodda ta' eliġibbiltà, obbligi ta' informazzjoni, rekwiżiti ta' kontroll, obbligi ta' skambju tad-data jew restrizzjonijiet fuq il-pagamenti għall-bdiewa, għall-benefiċjarji jew għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali, lil hinn minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

L-atti ta' traspożizzjoni għandhom jirrispettaw il-proporzjonalità, il-prinċipju ta' darba biss, il-protezzjoni tad-data, il-kunfidenzjalità tan-negozju u l-objettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa u għall-benefiċjarji.

Or. es

Emenda 3295
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Network Ewropew u nazzjonali tal-PAK
	1. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kummissjoni, jistabbilixxi network nazzjonali għall-PAK ("network nazzjonali tal-PAK") għan-networking ta' organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet, konsulenti, riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni, u atturi oħra fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali. In-networks nazzjonali tal-PAK għandhom

jibnu fuq l-esperjenza u l-prattiki eżistenti tan-networking fl-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni ("in-network Ewropew tal-PAK") biex jgħaqqad in-networks, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni.

3. L-objettivi tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandhom ikunu li:

(a) jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK tal-Pjan SNR;

(b) jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK;

(c) itejbu l-kwalità tal-Pjanijiet SNR u b'mod partikolari l-miżuri tagħhom relatati mal-agrikoltura u jxerrdu r-riżultati; (d) irawmu l-innovazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-kondiviżjoni tal-għarfien;

(e) isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) ixerrdu informazzjoni dwar il-PAK u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

(g) jikkontribwixxu għal aktar żvilupp tal-PAK.

4. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 6, in-networks għandhom:

(a) jiġbru, janalizzaw u jxerrdu informazzjoni dwar prattiki tajbin li jikkonċernaw il-PAK kif ukoll analiżi dwar l-iżviluppi fl-agrikoltura u ż-żoni rurali;

(b) jibnu l-kapaċità għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-Pjanijiet SNR li jikkonċernaw il-PAK;

(c) jiffaċilitaw l-iskambji, it-tagħlim bejn

il-pari, u n-networking, inkluż, fejn rilevanti, skambji ma' networks f'pajjiżi terzi;

(d) jappoġġaw in-networking ta' proġetti ta' kooperazzjoni ffinanzjati, bħal gruppi ta' azzjoni lokali skont l-Artikolu 18a [LEADER] ta' dan ir-Regolament, gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u jippromwovu rabtiet ma' strateġiji oħra ffinanzjati mill-Unjoni.

5. In-network Ewropew tal-PAK u n-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jikkollaboraw u jwettqu attivitajiet konġunti fl-ilħuq tal-objettivi msemmija fil-paragrafu 3. In-network Ewropew tal-PAK għandu juża identità viżwali distinta.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 57 tal-SNR)

Emenda 3296
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Artikolu 20j (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 70 tal-SNR) Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)
	****Artikolu 20j***
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g) ta' dak ir-Regolament.

2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament SNR.

3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:

(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;

(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS); * inkluża data dwar id-daqs tal-azjenda agrikola, l-użu tal-art u l-pussess tal-art*;

(d) sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji *effettivi* tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(...)

7. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi mill-inqas id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex isaħħu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni, * inkluża data rilevanti għall-monitoraġġ tal-

konċentrazzjoni tal-art, il-pussess tal-art, id-dinamika tas-suq tal-art, il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-art u data minn osservatorji tal-art nazzjonali jew reġjonali, * għall-benefiċċju tal-bdiewa *u tal-awtoritajiet pubbliċi*.

(...)

Or. en

Ġustifikazzjoni

*(dak li qabel kien l-Artikolu 70 tal-SNR) Miżjud (bejn l-asterisk eż. *xyz*) fi: 3c "inkluża data dwar id-daqs tal-azjenda agrikola, l-użu tal-art u l-pussess tal-art"; ", 3e" effettiv", f'7 "inklużi... osservatorji", "u awtoritajiet pubbliċi". Fi (...) it-test jibqa' bħal fl-SNR.*

Emenda 3297
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti komuni
	1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi tipi speċifiċi ta' intervent għall-agrikoltura biex jiġu mmitigati d-diffikultajiet ikkawżati mill-insularità, mid-daqs żgħir u mid-distanza mis-swieq tal-gżejjer minuri tal-Eġew.
	2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.
	3. Minbarra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament SNR, l-interventi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi li ġejjin:
	(a) il-provvista garantita lill-gżejjer minuri tal-Eġew ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-

ipproċessar u bħala inputs agrikoli billi jimmitigaw il-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema jew l-insularità tagħhom, mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali u t-tkabbir tagħha;

(b) l-iżgurar tal-futur fit-tul u l-iżvilupp tal-attivitajiet agrikoli fil-gżejjer minuri tal-Eġew, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom.

4. Il-Greċja tista' timplimenta fil-gżejjer minuri tal-Eġew l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament, ħlief għal dawk imsemmija fil-punt (o) [reġjuni ultraperiferiċi] tal-ewwel paragrafu ta' dak l-Artikolu [Tipi ta' intervent].

5. L-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandha tapplika għall-benefiċjarji li jirċievu appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali].

6. Madankollu, il-benefiċjarju tal-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali] li jirċievi pagament annwali li ma jaqbiżx it-EUR 3 000 għandu jkun eżentat mir-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Anness XI, il-partijiet A u C, ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 42 tal-SNR)

Emenda 3298
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti komuni.
	1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi tipi speċifiċi ta' intervent għall-agrikoltura biex jiġu mmitigati d-diffikultajiet ikkawżati mill-insularità, mid-daqs żgħir u mid-distanza mis-swieq tal-gżejjer minuri tal-Eġew.
	2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.
	3. Minbarra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament SNR, l-interventi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi li ġejjin:
	(a) il-provvista garantita lill-gżejjer minuri tal-Eġew ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli billi jimmitigaw il-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema jew l-insularità tagħhom, mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali u t-tkabbir tagħha;
	(b) l-iżgurar tal-futur fit-tul u l-iżvilupp tal-attivitajiet agrikoli fil-gżejjer minuri tal-Eġew, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom.
	4. Il-Greċja tista' timplimenta fil-gżejjer minuri tal-Eġew l-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament SNR, ħlief

għal dawk imsemmija fil-punt (o) [reġjuni ultraperiferiċi] tal-ewwel paragrafu ta' dak l-Artikolu [Tipi ta' intervent].

5. L-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandha tapplika għall-benefiċjarji li jirċievu appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali].

6. Madankollu, il-benefiċjarju tal-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali] li jirċievi pagament annwali li ma jaqbiżx it-EUR 3 000 għandu jkun eżentat mir-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Anness XI, il-partijiet A u C, ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3299
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti komuni
	1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi tipi speċifiċi ta' intervent għall-agrikoltura biex jiġu mmitigati d-diffikultajiet ikkawżati mill-insularità, mid-daqs żgħir u mid-distanza mis-swieq tal-gżejjer minuri tal-Eġew.
	2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.
	3. Minbarra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3,

il-punt (d), tar-Regolament SNR, l-interventi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi li ġejjin:

(a) il-provvista garantita lill-gżejjer minuri tal-Eġew ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli billi jimmitigaw il-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema jew l-insularità tagħhom, mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali u t-tkabbir tagħha;

(b) l-iżgurar tal-futur fit-tul u l-iżvilupp tal-attivitajiet agrikoli fil-gżejjer minuri tal-Eġew, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom.

4. Il-Greċja tista' timplimenta fil-gżejjer minuri tal-Eġew l-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament SNR, ħlief għal dawk imsemmija fil-punt (o) [reġjuni ultraperiferiċi] tiegħu [Tipi ta' intervent].

5. L-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandha tapplika għall-benefiċjarji li jirċievu appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali].

6. Madankollu, il-benefiċjarju tal-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali msemmija fl-Artikolu 20g (ġdid) ta' dan ir-Regolament [Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali] li jirċievi pagament annwali li ma jaqbiżx it-EUR 3 000 għandu jkun eżentat mir-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fil-partijiet A u C tal-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3300
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali
	1. Il-Greċja għandha tagħti appoġġ għall-produzzjoni, għall-ipproċessar, għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-trasport ta' prodotti agrikoli mhux ipproċessati u pproċessati fil-gżejjer minuri tal-Eġew.
	2. Il-Greċja għandha tfassal l-interventi b'mod li jiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola lokali fil-gżejjer minuri tal-Eġew.
	3. Il-Greċja għandha tiżgura distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti. Il-Greċja tista' tillimita l-ammont tal-appoġġ li għandu jingħata lil benefiċjarju f'sena kalendarja partikolari jew tuża pagamenti digressivi.
	4. Il-Greċja tista' tagħti appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti barra mir-reġjun li fih jiġu prodotti. Dak l-appoġġ ma għandux jaqbeż l-10 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, ikkonsenjata f'żona ta' destinazzjoni f'sena kalendarja partikolari.
	5. Meta pjan jiġi emendat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament SNR [emendi tal-pjanijiet], il-benefiċjarji affettwati mid-diżastru naturali eċċezzjonali jew mill-event ta' temp estrem jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ fil-forma ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-bejgħ previst fil-paragrafu 1, irrispettivament mil-livell ta' attività tagħhom matul il-perjodu ta' restawr, iżda soġġetti għal impenn formali biex jirrestawraw il-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tagħhom.

Emenda 3301
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Sistema għall-applikazzjonijiet ġeospazjali u sistema għall-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-annimali
	1. Fir-rigward tal-għajnuna għall-interventi bbażati fuq l-erja msemmija fl-Artikolu 5(1), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu s-sottomissjoni ta' applikazzjoni permezz tal-formola ta' applikazzjoni ġeospazjali pprovduta mill-awtorità kompetenti.
	2. Fir-rigward tal-għajnuna għall-interventi bbażati fuq l-annimali msemmija fl-Artikolu 5 (1), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu s-sottomissjoni ta' applikazzjoni.
	3. L-Istati Membri għandhom jimlew minn qabel l-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu bl-informazzjoni mis-sistemi msemmija fl-Artikolu 20b, il-paragrafu 3 jew minn kull bażi tad-data pubblika rilevanti oħra.
	4. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistema awtomatika ta' talbiet u jiddeċiedu liema mill-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkopri.
	5. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li juża sistema awtomatika ta' talbiet, huwa għandu jistabbilixxi sistema li tippermetti lill-amministrazzjoni tagħmel il-pagamenti lill-benefiċjarji abbażi tal-informazzjoni eżistenti fil-bażijiet tad-data kompjuterizzati uffiċjali. Meta jkun hemm bidla, dik l-informazzjoni eżistenti

għandha tiġi ssupplimentata b'informazzjoni addizzjonali, meta jkun meħtieġ, biex tiġi koperta dik il-bidla. L-informazzjoni eżistenti u l-informazzjoni addizzjonali disponibbli permezz tas-sistema awtomatika ta' talbiet għandhom jiġu kkonfermati mill-benefiċjarju.

Or. en

Emenda 3302
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 20e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20e
	Appoġġ għal mekkaniżmi li għandhom l-għan li jistabbilizzaw is-swieq agrikoli
	1. L-Istati Membri jistgħu jfasslu strumenti li jistabbilizzaw is-swieq agrikoli u jtaffu l-konsegwenzi ta' disturbi straordinarji fis-suq.
	2. L-appoġġ jista' jinkludi, b'mod partikolari: (a) strumenti ta' intervent fis-suq;
	(b) appoġġ għall-ħażna privata;
	(c) fondi għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa;
	(d) appoġġ finanzjarju straordinarju li jiġi mmobilizzat f'każ ta' disturbi gravi fis-suq;
	(e) strumenti li jtaffu l-konsegwenzi ta' tibdil f'daqqa fil-prezz ta' prodotti agrikoli.
	3. Fil-Pjanijiet SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet biex jiġu mmobilizzati l-istrumenti ta' stabilizzazzjoni tas-suq.
	4. L-istrumenti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-interventi

stabbiliti fl-Artikolu 12 u jistgħu jiġu applikati f'każijiet ta' kriżi ekonomika, klimatika, ġeopolitika jew tas-saħħa li jaffettwaw il-funzjonament tas-swieq agrikoli.

Or. pl

Emenda 3303
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g) ta' dak ir-Regolament.
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament SNR.
	3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:
	(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;

(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-għajnuna u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-miżuri jiġu mmonitorjati fis-sistema ta' monitoraġġ agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni. Meta l-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw azzjonijiet ta' rimedju xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, għandhom jintalbu mill-Kummissjoni biex jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju pendenti. Rapport ta' valutazzjoni u, meta jkun xieraq, l-azzjonijiet ta' rimedju u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar ta' wara s-sena kalendarja

kkonċernata.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-data satellitari, meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu, mingħajr ħlas lill-awtoritajiet kompetenti għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu jew lill-fornituri tas-servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom, mingħajr ħlas, l-immaġnijiet meħtieġa b'Riżoluzzjoni Għolja Ħafna. Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data u tal-immaġnijiet satellitari.

6. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art. Din għandha tipprovdi informazzjoni lill-bdiewa biex tappoġġa l-ġestjoni sostenibbli tal-azjendi tagħhom. Barra minn hekk, din għandha tipprovdi data għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-politika tal-PAK, u tippromwovi l-kondiviżjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli.

7. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi mill-inqas id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa.

8. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista f'dan il-Kapitolu tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju li jipproteġi l-interessi

finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimentaw dan ir-Regolament:

(a) b'regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fil-paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 70 tal-SNR maqbul li jiġi ttrasferit

il-par. 8 delegat sostitwita b'ta' implimentazzjoni

Emenda 3304
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Arranġamenti speċifiċi ta' provvista
	1. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE li huma essenzjali fil-ġejjer minuri tal-Eġew għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala inputs agrikoli. 2. Il-Greċja għandha tistabbilixxi fil-Pjan tagħha, fil-livell ġeografiku li tqis l-aktar xieraq, volum massimu ta' kull prodott agrikolu, minn fost il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, biex tikkwantifika r-rekwiżiti annwali ta' provvista għall-ġejjer minuri tal-Eġew.
	3. Il-volum massimu ta' prodotti agrikoli msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll il-volumi ta' dawk il-

prodotti meħtieġa mill-impriżi li jippakkjaw u jipproċessaw prodotti maħsuba għas-suq lokali, għall-konsenja lejn il-bqija tal-Unjoni jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi bħala parti mill-kummerċ reġjonali jew fil-kuntest ta' flussi kummerċjali tradizzjonali. Il-volum massimu tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi stabbilit b'kont meħud b'mod partikolari tal-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti stabbiliti fil-karti tal-bilanċ tat-tbassir tal-provvista fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

4. Għandu jingħata appoġġ biex il-ġejjer minuri tal-Eġew jiġu fornuti bi prodotti tal-Unjoni ħalli jiġu żgurati r-rekwiżiti speċjali ta' provvista stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 f'termini ta' prezz u kwalità, filwaqt li jinżamm is-sehem tal-Unjoni fil-provvisti ta' dawk il-prodotti.

5. Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-provvista ta' prodotti li jkunu diġà bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista fi ġejjer minuri oħra tal-Eġew.

6. Prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss għandhom jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

7. Fl-implimentazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Greċja għandha tqis b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-produzzjoni lokali eżistenti ma tiġix destabbilizzata u lanqas ostakolata fl-iżvilupp tagħha u r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 43 tal-SNR)

Emenda 3305

Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Arranġamenti speċifiċi ta' provvista
	1. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE li huma essenzjali fil-ġejjer minuri tal-Eġew għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala inputs agrikoli.
	2. Il-Greċja għandha tistabbilixxi fil-Pjan tagħha, fil-livell ġeografiku li tqis l-aktar xieraq, volum massimu ta' kull prodott agrikolu, minn fost il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, biex tikkwantifika r-rekwiżiti annwali ta' provvista għall-ġejjer minuri tal-Eġew.
	3. Il-volum massimu ta' prodotti agrikoli msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll il-volumi ta' dawk il-prodotti meħtieġa mill-impriżi li jippakkjaw u jipproċessaw prodotti maħsuba għas-suq lokali, għall-konsenja lejn il-bqija tal-Unjoni jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi bħala parti mill-kummerċ reġjonali jew fil-kuntest ta' flussi kummerċjali tradizzjonali. Il-volum massimu tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi stabbilit b'kont meħud b'mod partikolari tal-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti stabbiliti fil-karti tal-bilanċ tat-tbassir tal-provvista fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.
	4. Għandu jingħata appoġġ biex il-ġejjer minuri tal-Eġew jiġu fornuti bi prodotti tal-Unjoni ħalli jiġu żgurati r-rekwiżiti speċjali ta' provvista stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 f'termini ta' prezz u kwalità, filwaqt li jinżamm is-sehem tal-Unjoni fil-provvisti ta' dawk il-

prodotti.

5. Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-provvista ta' prodotti li jkunu diġà bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista fi ġejjer minuri oħra tal-Eġew.

6. Prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss għandhom jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

7. Fl-implimentazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Greċja għandha tqis b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-produzzjoni lokali eżistenti ma tiġix destabbilizzata u lanqas ostakolata fl-iżvilupp tagħha u r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 5.

Or. en

Emenda 3306
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Arranġamenti speċifiċi tal-provvista
	1. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE li huma essenzjali fil-ġejjer minuri tal-Eġew għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala inputs agrikoli.
	2. Il-Greċja għandha tistabbilixxi fil-Pjan tagħha, fil-livell ġeografiku li tqis l-aktar xieraq, volum massimu ta' kull prodott agrikolu, minn fost il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, biex tikkwantifika r-rekwiżiti annwali ta' provvista għall-

gżejjer minuri tal-Eġew.

3. Il-volum massimu ta' prodotti agrikoli msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll il-volumi ta' dawk il-prodotti meħtieġa mill-impriżi li jippakkjaw u jipproċessaw prodotti maħsuba għas-suq lokali, għall-konsenja lejn il-bqija tal-Unjoni jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi bħala parti mill-kummerċ reġjonali jew fil-kuntest ta' flussi kummerċjali tradizzjonali. Il-volum massimu tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi stabbilit b'kont meħud b'mod partikolari tal-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti stabbiliti fil-karti tal-bilanċ tat-tbassir tal-provvista fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

4. Għandu jingħata appoġġ biex il-gżejjer minuri tal-Eġew jiġu fornuti bi prodotti tal-Unjoni ħalli jiġu żgurati r-rekwiżiti speċjali ta' provvista stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 f'termini ta' prezz u kwalità, filwaqt li jinżamm is-sehem tal-Unjoni fil-provvisti ta' dawk il-prodotti.

5. Ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-provvista ta' prodotti li jkunu diġà bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista fi gżejjer minuri oħra tal-Eġew.

6. Prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss għandhom jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

7. Fl-implimentazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Greċja għandha tqis b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-produzzjoni lokali eżistenti ma tiġix destabbilizzata u lanqas ostakolata fl-iżvilupp tagħha u r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 5.

Or. en

Emenda 3307
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Kontrolli u penali
	1. Fir-rigward tal-iskema speċifika tal-provvista, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi, fiżiċi u fuq il-post.
	2. Il-verifiki amministrattivi mwettqa fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u d-dispaċċ ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinkludu kontroverifiki mad-dokumenti ta' sostenn. Il-verifiki fiżiċi mwettqa fil-ġejjer minuri tal-Eġew ikkonċernati fuq l-importazzjoni jew id-dħul ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu bbażati fuq kampjun rappreżentattiv li jammonta għal, mill-inqas, 5 % taċ-ċertifikati u tal-liċenzji.
	3. Fil-każ ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni lokali, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi u fuq il-post.
	4. Il-verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrenti u jinkludu kontroverifiki, fost l-oħrajn, ma' data mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll.
	5. L-applikanti għall-appoġġ fl-ambitu tal-iskemi speċifiċi tal-provvista u l-appoġġ għall-produzzjoni lokali għandhom jintgħażlu għall-kontrolli fuq il-post mill-awtorità kompetenti abbażi ta' analiżi tar-riskju u r-rappreżentattività tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ imressqa; l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki fuq il-post permezz ta' teħid ta' kampjuni, għal kull azzjoni, ta' mill-inqas 5 % tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll

mill-inqas 5 % tal-ammonti koperti mill-appoġġ għal kull azzjoni. Fil-każijiet rilevanti kollha, il-Greċja għandha tagħmel użu mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll prevista fl-Artikolu 20j (ġdid) ta' dan ir-Regolament. Kull verifika fuq il-post għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' spezzjoni li jagħti dettalji dwar il-verifiki mwettqa.

Or. es

Emenda 3308
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Appoġġ għall-ktajjen qosra tal-provvista tal-ikel, l-ipproċessar lokali u l-bejgħ dirett
	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-valur miżjud miżmum mill-azjendi agrikoli permezz tal-iżvilupp ta' ktajjen qosra tal-provvista tal-ikel.
	2. L-appoġġ jista' jinkludi, b'mod partikolari:
	(a) l-ipproċessar lokali ta' prodotti agrikoli;
	(b) il-bejgħ dirett;
	(c) in-negozju agrikolu bl-imnut;
	(d) attivitajiet marġinali, lokali u ristretti;
	(e) l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' swieq lokali tal-ikel;
	(f) l-iżvilupp ta' infrastruttura li tiffaċilita l-ipproċessar u l-bejgħ lokali;
	(g) il-promozzjoni ta' prodotti lokali u reġjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal impriżi konġunti implimentati mill-bdiewa, mill-kooperattivi u mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

L-appoġġ għandu jgħin biex iqassar il-katina tal-provvista tal-ikel, iżid l-introjtu tal-bdiewa, itejjeb is-sigurtà tal-ikel u jiżviluppa ż-żoni.

Or. pl

Emenda 3309
Barry Cowen, Asger Christensen, Michal Wiezik, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20f
	Sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji
	Is-sistema għar-reġistrazzjoni tal-identità ta' kull benefiċjarju tal-interventi u tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 għandha tiżgura li l-applikazzjonijiet kollha li jibgħat l-istess benefiċjarju jkunu jistgħu jiġu identifikati bħala tali.

Or. en

Emenda 3310
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 20g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20g
	Network Ewropew u nazzjonali tal-PAK

1. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kummissjoni, joħloq u jappoġġa network nazzjonali għall-PAK ("network nazzjonali tal-PAK") għan-networking ta' organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet, konsulenti, riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni, u atturi oħra fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali. In-networks nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza u l-prattiki tal-ħidma fin-networks eżistenti fl-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni ("in-network Ewropew tal-PAK") bl-għan li jgħaqqad in-networks nazzjonali, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet fil-qasam tal-agrikoltura u tal-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni.

3. L-objettivi tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandhom ikunu li: (a) jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK tal-Pjan tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma; (b) jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK; (c) itejbu l-kwalità tal-pjanijiet tal-programmi nazzjonali ta' riforma u, b'mod partikolari, il-miżuri tagħhom relatati mal-agrikoltura u jxerrdu r-riżultati; (d) irawmu l-innovazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari, u l-kondiviżjoni tal-għarfien; (e) isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni; (f) ixerrdu informazzjoni dwar il-PAK u l-opportunitajiet ta' finanzjament; (g) jikkontribwixxu għal aktar żvilupp tal-PAK.

4. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 6, in-networks għandhom: (a) jiġbru, janalizzaw u jxerrdu informazzjoni dwar prattiki tajbin li jikkonċernaw il-PAK kif ukoll analiżi dwar l-iżviluppi fl-

agrikoltura u ż-żoni rurali; (b) jibnu l-kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-pjanijiet tal-programmi nazzjonali ta' riforma (PNR) li jikkonċernaw il-PAK; (c) jiffaċilitaw l-iskambji, it-tagħlim bejn il-pari u l-ħolqien ta' networks, inkluż, meta jkun applikabbli, skambji ma' networks f'pajjiżi terzi; (d) jappoġġaw il-ħolqien ta' networks ta' proġetti ta' kooperazzjoni ffinanzjati, bħal gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 18a [LEADER] ta' dan ir-Regolament u gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u jippromwovu rabtiet ma' strateġiji oħra ffinanzjati mill-Unjoni.

5. In-network Ewropew tal-PAK u n-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jikkollaboraw u jwettqu attivitajiet konġunti għall-ilħuq tal-objettivi msemmija fil-paragrafu 3. In-network Ewropew tal-PAK għandu juża identità viżwali distintiva.

Or. es

Emenda 3311
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20g
	Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali
	1. Il-Greċja għandha tagħti appoġġ għall-produzzjoni, għall-ipproċessar, għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-trasport ta' prodotti agrikoli mhux ipproċessati u pproċessati fil-ġejjer minuri tal-Eġew.
	2. Il-Greċja għandha tfassal l-interventi

sabiex tiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola lokali fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

3. Il-Greċja għandha tipprevedi distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti. Il-Greċja tista' tillimita l-ammont tal-appoġġ li għandu jingħata lil benefiċjarju f'sena kalendarja partikolari jew tuża pagamenti digressivi.

4. Il-Greċja tista' tagħti appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti barra mir-reġjun li fih jiġu prodotti. Dak l-appoġġ ma għandux jaqbeż l-10 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, ikkonsenjata f'żona ta' destinazzjoni f'sena kalendarja partikolari.

5. Meta Pjan jiġi emendat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament SNR [emendi tal-Pjanijiet], il-benefiċjarji affettwati mid-diżastru naturali eċċezzjonali jew mill-event meteoroloġiku sever jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ fil-forma ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-bejgħ previst fil-paragrafu 1 irrispettivament mil-livell ta' attività tagħhom matul il-perjodu ta' restawr, iżda soġġetti għal impenn formali biex jirrestawraw il-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 44 tal-SNR)

Emenda 3312
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 20g

Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali

1. Il-Greċja għandha tagħti appoġġ għall-produzzjoni, għall-ipproċessar, għall-kummerċjalizzazzjoni u għat-trasport ta' prodotti agrikoli mhux ipproċessati u pproċessati fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

2. Il-Greċja għandha tfassal l-interventi sabiex tiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola lokali fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

3. Il-Greċja għandha tipprevedi distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti. Il-Greċja tista' tillimita l-ammont tal-appoġġ li għandu jingħata lil benefiċjarju f'sena kalendarja partikolari jew tuża pagamenti digressivi.

4. Il-Greċja tista' tagħti appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti barra mir-reġjun li fih jiġu prodotti. Dak l-appoġġ ma għandux jaqbeż l-10 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, ikkonsenjata f'żona ta' destinazzjoni f'sena kalendarja partikolari.

5. Meta Pjan jiġi emendat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament SNR [emendi tal-Pjanijiet], il-benefiċjarji affettwati mid-diżastru naturali eċċezzjonali jew mill-event meteoroloġiku sever jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ fil-forma ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-bejgħ previst fil-paragrafu 1 irrispettivament mil-livell ta' attività tagħhom matul il-perjodu ta' restawr, iżda soġġetti għal impenn formali biex jirrestawraw il-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tagħhom;

Or. en

Emenda 3313
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 20g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20g
	Appoġġ għal analiżi tal-ħamrija u pariri dwar il-fertilizzazzjoni tagħha
	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għal miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħamrija u l-ġestjoni effiċjenti tan-nutrijenti.
	2. L-appoġġ jista' jinkludi, b'mod partikolari:
	(a) it-twettiq ta' analiżijiet tal-ħamrija;
	(b) it-tfassil ta' pjanijiet ta' fertilizzazzjoni tal-ħamrija;
	(c) pariri dwar il-fertilizzazzjoni tal-ħamrija;
	(d) l-espansjoni tal-laboratorji li jwettqu analiżijiet tal-ħamrija;
	(e) l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-ħamrija;
	(f) it-taħriġ fil-ġestjoni effiċjenti tan-nutrijenti.
	3. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw, fl-intier jew parti minnhom, il-kostijiet tal-analiżijiet tal-ħamrija li jitwettqu għal finijiet ta' attivitajiet agrikoli.
	4. L-appoġġ għandu jgħin biex itejjeb il-fertilità tal-ħamrija, jipproteġi r-riżorsi naturali, irażżan it-telf ta' nutrijenti u jżid l-effiċjenza tal-produzzjoni agrikola.
	Or. pl

Emenda 3314
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20g
	Appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali
	***Meta Pjan jiġi emendat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament SNR [emendi tal-Pjanijiet], il-benefiċjarji affettwati mid-diżastru naturali eċċezzjonali jew mill-event meteoroloġiku sever jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ fil-forma ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-bejgħ previst fil-paragrafu 1 irrispettivament mil-livell ta' attività tagħhom matul il-perjodu ta' restawr, iżda soġġetti għal impenn formali biex jirrestawraw il-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tagħhom.**

Or. en

Emenda 3315
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 20g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20g
	Sistema tal-kontroll u tal-penali
	***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema tal-kontroll u tal-penali kif imsemmi fl-Artikolu 20b(3), il-punt (f). L-Istati Membri, permezz tal-aġenziji tal-pagamenti jew tal-korpi delegati minnhom, kull sena għandhom iwettqu verifiki amministrattivi b'rabta mal-applikazzjoni għall-għajnuna u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità f'konformità mal-Artikolu 58(2), il-punt (2). Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati minn verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod permezz tal-użu tat-**

teknoloġija.

Or. en

Emenda 3316
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 20h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20h
	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jiġġestixxi sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (g), tar-Regolament dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' riforma.
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni responsabbli tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet rilevanti kollha, għall-miżuri stabbiliti fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament dwar il-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp rurali.
	3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:
	(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, monitoraġġ u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u tal-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data satellitari Sentinel ta' Copernicus;
	(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali li

tippermetti lill-benefiċjarju jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda agrikola;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema ta' identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-appoġġ u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà tal-miżuri jew parti minnhom jiġu mmonitorjati taħt is-sistema ta' monitoraġġ agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni. Meta l-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri korrettivi xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni għandha titlob li jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi pendenti. Sal-15 ta' Marzu wara s-sena kalendarja kkonċernata, għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni rapport ta' valutazzjoni u, fejn rilevanti, il-miżuri korrettivi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-data satellitari meħtieġa għas-sistema ta'

monitoraġġ agrikolu mingħajr ħlas lill-awtoritajiet kompetenti għal dik is-sistema jew għall-fornituri tas-servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom, mingħajr ħlas, l-immaġnijiet meħtieġa b'"riżoluzzjoni għolja ħafna". Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data u tal-immaġnijiet satellitari.

6. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi, mill-inqas, id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, fejn rilevanti, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa.

7. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista f'dan il-Kapitolu tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 23, biex tissupplimenta dan ir-Regolament permezz ta':

(a) regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fil-paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c); u (b) regoli dwar l-LPIS, imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c).

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut ta', u l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-

Kummissjoni:

(i) ir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 4;

(ii) il-miżuri korrettivi adottati mill-Istati Membri;

(b) il-karatteristiċi bażiċi u regoli relatati ma':

(i) l-AMS;

(ii) il-GSA;

(iii) l-LPIS;

(iv) is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art. 9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3).

Or. es

Emenda 3317
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20h
	Kontrolli u penali
	1. Għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi, fiżiċi u fuq il-post.
	2. Il-verifiki amministrattivi mwettqa fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u d-dispaċċ ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinvolvu kontroverifiki mad-dokumenti ta' sostenn. Il-verifiki fiżiċi mwettqa fil-ġejjer minuri tal-Eġew ikkonċernati fuq l-importazzjoni jew id-dħul ta' prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal mill-

inqas 5 % tal-liċenzji u ċ-ċertifikati.

3. Fil-każ ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni lokali, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi u fuq il-post.

4. Il-verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinkludu kontroverifiki, fost l-oħrajn, ma' data mill-amministrazzjoni u mill-kontroll integrati.

5. L-applikanti għall-għajnuna għal arranġamenti speċifiċi ta' provvista u appoġġ għall-produzzjoni lokali għandhom jintgħażlu biex jgħaddu minn verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti abbażi ta' analiżi tar-riskju u r-rappreżentanza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna sottomessi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki fuq il-post billi jieħdu kampjuni, għal kull azzjoni, ta' mill-inqas 5 % tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll mill-inqas 5 % tal-ammonti koperti mill-għajnuna għal kull azzjoni.

Fil-każijiet xierqa kollha, il-Greċja għandha tagħmel użu mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll prevista fl-Artikolu 20j (ġdid) ta' dan ir-Regolament.

Kull verifika fuq il-post għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' spezzjoni li jagħti d-dettalji tal-verifiki li jkunu saru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 45 tal-SNR)

Emenda 3318
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 20h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20h
	Kontrolli u penali.
	1. Għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi, fiżiċi u fuq il-post.
	2. Il-verifiki amministrattivi mwettqa fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u d-dispaċċ ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinvolvu kontroverifiki mad-dokumenti ta' sostenn. Il-verifiki fiżiċi mwettqa fil-ġejjer minuri tal-Eġew ikkonċernati fuq l-importazzjoni jew id-dħul ta' prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal mill-inqas 5 % tal-liċenzji u ċ-ċertifikati.
	3. Fil-każ ta' miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni lokali, il-Greċja għandha twettaq verifiki permezz ta' verifiki amministrattivi u fuq il-post.
	4. Il-verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinkludu kontroverifiki, fost l-oħrajn, ma' data mill-amministrazzjoni u mill-kontroll integrati.
	5. L-applikanti għall-għajnuna għal arranġamenti speċifiċi ta' provvista u appoġġ għall-produzzjoni lokali għandhom jintgħażlu biex jgħaddu minn verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u r-rappreżentanza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna sottomessi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki fuq il-post billi jieħdu kampjuni, għal kull azzjoni, ta' mill-inqas 5 % tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll mill-inqas 5 % tal-ammonti koperti mill-għajnuna għal kull azzjoni. Fil-każijiet xierqa kollha, il-

Greċja għandha tagħmel użu mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll prevista fl-Artikolu 20j (ġdid) ta' dan ir-Regolament. Kull verifika fuq il-post għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' spezzjoni li jagħti d-dettalji tal-verifiki li jkunu saru.

Or. en

Emenda 3319
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20h
	Kontrolli u penali
	1. Il-verifiki amministrattivi mwettqa fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u d-dispaċċ ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinvolvu kontroverifiki mad-dokumenti ta' sostenn. Il-verifiki fiżiċi mwettqa fil-ġejjer minuri tal-Eġew ikkonċernati fuq l-importazzjoni jew id-dħul ta' prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal mill-inqas 5 % tal-liċenzji u ċ-ċertifikati.
	2. Il-verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinkludu kontroverifiki, fost l-oħrajn, ma' data mill-amministrazzjoni u mill-kontroll integrati.
	3. L-applikanti għall-għajnuna għal arranġamenti speċifiċi ta' provvista u appoġġ għall-produzzjoni lokali għandhom jintgħażlu biex jgħaddu minn verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u r-rappreżentanza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna sottomessi, l-awtoritajiet kompetenti

għandhom iwettqu verifiki fuq il-post billi jieħdu kampjuni, għal kull azzjoni, ta' mill-inqas 5 % tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll mill-inqas 5 % tal-ammonti koperti mill-għajnuna għal kull azzjoni.

Fil-każijiet xierqa kollha, il-Greċja għandha tagħmel użu mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll prevista fl-Artikolu 20j (ġdid) ta' dan ir-Regolament.

Kull verifika fuq il-post għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' spezzjoni li jagħti d-dettalji tal-verifiki li jkunu saru.

Or. en

Emenda 3320
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20i
	Network Ewropew u nazzjonali tal-PAK
	1. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kummissjoni, jistabbilixxi u jappoġġa network nazzjonali għall-PAK ("network nazzjonali tal-PAK") għan-networking ta' organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet, konsulenti, riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni, u atturi oħra fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali. In-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jibnu fuq l-esperjenza u l-prattiki ta' networking eżistenti fl-Istati Membri.
	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni ("in-network Ewropew tal-PAK")

biex jgħaqqad in-networks, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni.

3. L-objettivi tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandhom ikunu li:

(a) jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK tal-Pjan SNR;

(b) jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK;

(c) itejbu l-kwalità tal-Pjanijiet SNR u b'mod partikolari l-miżuri tagħhom relatati mal-agrikoltura u jxerrdu r-riżultati;

(d) irawmu l-innovazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-kondiviżjoni tal-għarfien;

(e) isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) ixerrdu informazzjoni dwar il-PAK u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

(g) jikkontribwixxu għal aktar żvilupp tal-PAK.

4. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 6, in-networks għandhom:

(a) jiġbru, janalizzaw u jxerrdu informazzjoni dwar prattiki tajbin li jikkonċernaw il-PAK kif ukoll analiżi dwar l-iżviluppi fl-agrikoltura u ż-żoni rurali;

(b) jibnu l-kapaċità għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-Pjanijiet SNR li jikkonċernaw il-PAK;

(c) jiffaċilitaw l-iskambji, it-tagħlim bejn il-pari, u n-networking, inkluż, fejn rilevanti, skambji ma' networks f'pajjiżi terzi;

(d) jappoġġaw in-networking ta' proġetti ta' kooperazzjoni ffinanzjati, bħal gruppi

ta' azzjoni lokali u gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament (u jippromwovu rabtiet ma' strateġiji oħra ffinanzjati mill-Unjoni).

5. In-network Ewropew tal-PAK u n-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jikkollaboraw u jwettqu attivitajiet konġunti fl-ilħuq tal-objettivi msemmija fil-paragrafu 3. In-network Ewropew tal-PAK għandu juża identità viżwali distintiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 57 tal-SNR)

Emenda 3321
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20i
	Network Ewropew u nazzjonali tal-PAK
	1. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kummissjoni, jistabbilixxi u jappoġġa network nazzjonali għall-PAK ("network nazzjonali tal-PAK") għan-networking ta' organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet, konsulenti, riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni, u atturi oħra fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali. In-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jibnu fuq l-esperjenza u l-prattiki eżistenti tan-networking fl-Istati Membri.
	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network Ewropew għall-Politika Agrikola

Komuni ("in-network Ewropew tal-PAK") biex jgħaqqad in-networks, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni.

3. L-objettivi tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandhom ikunu li:

(a) jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK tal-Pjan SNR;

(b) jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK;

(c) itejbu l-kwalità tal-Pjanijiet SNR u b'mod partikolari l-miżuri tagħhom relatati mal-agrikoltura u jxerrdu r-riżultati;

(d) irawmu l-innovazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-kondiviżjoni tal-għarfien;

(e) isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) ixerrdu informazzjoni dwar il-PAK u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

(g) jikkontribwixxu għal aktar żvilupp tal-PAK.

4. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 6, in-networks għandhom:

(a) jiġbru, janalizzaw u jxerrdu informazzjoni dwar prattiki tajbin li jikkonċernaw il-PAK kif ukoll analiżi dwar l-iżviluppi fl-agrikoltura u ż-żoni rurali;

(b) jibnu l-kapaċità għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-Pjanijiet SNR li jikkonċernaw il-PAK;

(c) jiffaċilitaw l-iskambji, it-tagħlim bejn il-pari, u n-networking, inkluż, fejn rilevanti, skambji ma' networks f'pajjiżi terzi;

(d) jappoġġaw in-networking ta' proġetti

ta' kooperazzjoni ffinanzjati, bħal gruppi ta' azzjoni lokali skont l-Artikolu 18a [LEADER] ta' dan ir-Regolament, gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u jippromwovu rabtiet ma' strateġiji oħra ffinanzjati mill-Unjoni.

5. In-network Ewropew tal-PAK u n-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jikkollaboraw u jwettqu attivitajiet konġunti fl-ilħuq tal-objettivi msemmija fil-paragrafu 3. In-network Ewropew tal-PAK għandu juża identità viżwali distintiva.

Or. en

Emenda 3322
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20i
	Network Ewropew u nazzjonali tal-PAK
	1. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kummissjoni, jistabbilixxi u jappoġġa network nazzjonali għall-PAK ("network nazzjonali tal-PAK") għan-networking ta' organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet, konsulenti, riċerkaturi u atturi oħra tal-innovazzjoni, u atturi oħra fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali. In-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jibnu fuq l-esperjenza u l-prattiki eżistenti tan-networking fl-Istati Membri.
	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network Ewropew għall-Politika Agrikola Komuni ("in-network Ewropew tal-PAK")

biex jgħaqqad in-networks, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni.

3. L-objettivi tan-networks nazzjonali u Ewropej tal-PAK għandhom ikunu li:

(a) jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK tal-Pjan SNR;

(b) jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-interventi tal-PAK;

(c) itejbu l-kwalità tal-Pjanijiet SNR u b'mod partikolari l-miżuri tagħhom relatati mal-agrikoltura u jxerrdu r-riżultati;

(d) irawmu l-innovazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-kondiviżjoni tal-għarfien;

(e) isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) ixerrdu informazzjoni dwar il-PAK u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

(g) jikkontribwixxu għal aktar żvilupp tal-PAK.

4. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 6, in-networks għandhom:

(a) jiġbru, janalizzaw u jxerrdu informazzjoni dwar prattiki tajbin li jikkonċernaw il-PAK kif ukoll analiżi dwar l-iżviluppi fl-agrikoltura u ż-żoni rurali;

(b) jibnu l-kapaċità għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u atturi oħra involuti fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-Pjanijiet SNR li jikkonċernaw il-PAK;

(c) jiffaċilitaw l-iskambji, it-tagħlim bejn il-pari, u n-networking, inkluż, fejn rilevanti, skambji ma' networks f'pajjiżi terzi;

(d) jappoġġaw in-networking ta' proġetti ta' kooperazzjoni ffinanzjati, bħal gruppi

ta' azzjoni lokali skont l-Artikolu 18a [LEADER] ta' dan ir-Regolament, gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u jippromwovu rabtiet ma' strateġiji oħra ffinanzjati mill-Unjoni.

5. In-network Ewropew tal-PAK u n-networks nazzjonali tal-PAK għandhom jikkollaboraw u jwettqu attivitajiet konġunti fl-ilhuq tal-objettivi msemmija fil-paragrafu 3. In-network Ewropew tal-PAK għandu juża identità viżwali distintiva.

Or. en

Emenda 3323
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 20j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20j
	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g) ta' dak ir-Regolament.
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament SNR.
	3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:

(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;

(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-għajnuna u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-miżuri jiġu mmonitorjati fis-sistema ta' monitoraġġ agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

Meta l-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw azzjonijiet ta' rimedju xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, għandhom jintalbu mill-Kummissjoni biex jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda

ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju pendenti. Rapport ta' valutazzjoni u, meta jkun xieraq, l-azzjonijiet ta' rimedju u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar ta' wara s-sena kalendarja kkonċernata.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-data satellitari, meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu, mingħajr ħlas lill-awtoritajiet kompetenti għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu jew lill-fornituri tas-servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom, mingħajr ħlas, l-immaġnijiet meħtieġa b'Riżoluzzjoni Għolja Ħafna. Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data u tal-immaġnijiet satellitari.

6. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art. Din għandha tipprovdi informazzjoni lill-bdiewa biex tappoġġa l-ġestjoni sostenibbli tal-azjendi tagħhom. Barra minn hekk, din għandha tipprovdi data għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-politika tal-PAK, u tippromwovi l-kondiviżjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli.

7. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi mill-inqas id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art

b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa.

8. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista f'dan il-Kapitolu tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimentaw dan ir-Regolament:

(a) b'regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fil-paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c);

(b) b'regoli dwar l-LPIS, imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c).

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut ta', u l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ta':

(i) ir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu (4);

(ii) l-azzjonijiet ta' rimedju pprovduti mill-Istati Membri;

(b) il-karatteristiċi bażiċi, u regoli dwar:

(i) l-AMS;

(ii) il-GSA;

(iii) l-LPIS;

(iv) is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art.

10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3) [proċedura ta' kumitat, proċedura ta' eżami].

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 70 tal-SNR)

Emenda 3324
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 20j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20j
	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (g) tar-Regolament SNR.
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament SNR.
	3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:
	(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;
	(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-għajnuna u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà tal-miżuri jew parti minnhom jiġu mmonitorjati taħt is-sistema ta' monitoraġġ agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni. Meta l-valutazzjoni tiżvela nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw azzjonijiet ta' rimedju xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni għandha titlob li jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju pendenti.

Sal-15 ta' Marzu ta' wara s-sena kalendarja kkonċernata, għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni rapport ta' valutazzjoni u, fejn ikun xieraq, l-azzjonijiet ta' rimedju u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-data satellitari, meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu, mingħajr ħlas lill-awtoritajiet kompetenti għas-sistema ta'

monitoraġġ agrikolu jew lill-fornituri tas-servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom, mingħajr ħlas, l-immaġnijiet meħtieġa b'"riżoluzzjoni għolja ħafna". Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data u tal-immaġnijiet satellitari.

6. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi mill-inqas id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa.

7. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista f'dan il-Kapitolu tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimentaw dan ir-Regolament:

(a) b'regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fil-paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c); kif ukoll

(b) b'regoli dwar l-LPIS, imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c).

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut ta', u l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-

Kummissjoni ta':

(i) ir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu (4);

(ii) l-azzjonijiet ta' rimedju pprovduti mill-Istati Membri;

(b) il-karatteristiċi bażiċi, u regoli dwar:

(i) l-AMS;

(ii) il-GSA;

(iii) l-LPIS;

(iv) is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art.

9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3).

Or. en

Emenda 3325
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 20j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20j
	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (g) tar-Regolament SNR.
	2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI

[dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi] tar-Regolament SNR.

3. Is-sistema integrata għandu jkun fiha l-elementi li ġejjin:

(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluża d-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;

(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. L-Istati Membri għandhom kull sena jwettqu verifiki amministrattivi fuq l-applikazzjoni għall-għajnuna u t-talbiet għall-pagament biex jivverifikaw il-legalità u r-regolarità. Dawk il-verifiki għandhom jiġu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post, li jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà tal-miżuri jew parti minnhom jiġu mmonitorjati taħt is-sistema ta' monitoraġġ agrikolu msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom kull sena jivvalutaw il-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni. Meta l-valutazzjoni tiżvela

nuqqasijiet fl-elementi tas-sistema integrata, l-Istati Membri għandhom jadottaw azzjonijiet ta' rimedju xierqa jew, fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni għandha titlob li jistabbilixxu pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju pendenti. Sal-15 ta' Marzu ta' wara s-sena kalendarja kkonċernata, għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni rapport ta' valutazzjoni u, fejn ikun xieraq, l-azzjonijiet ta' rimedju u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-data satellitari, meħtieġa għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu, mingħajr ħlas lill-awtoritajiet kompetenti għas-sistema ta' monitoraġġ agrikolu jew lill-fornituri tas-servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom, mingħajr ħlas, l-immaġnijiet meħtieġa b'"riżoluzzjoni għolja ħafna". Il-Kummissjoni għandha tibqa' s-sid tad-data u tal-immaġnijiet satellitari.

6. Is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art għandha tinkludi mill-inqas id-data relatata mal-elementi tas-sistema integrata msemmija fil-paragrafu 3 u, meta jkun applikabbli, id-data kondiviża mill-bdiewa mal-awtoritajiet pubbliċi f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu servizzi addizzjonali biex itejbu s-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art b'sorsi oħra ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-bdiewa.

7. Meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sistema integrata prevista f'dan il-Kapitolu tiġi implimentata b'mod effiċjenti, koerenti u mhux diskriminatorju li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni

għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23, li jissupplimentaw dan ir-Regolament:

(a) b'regoli dwar il-metodoloġija stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-elementi tas-sistema integrata, imsemmija fil-paragrafu (3), il-punti (a), (b) u (c);

(b) b'regoli dwar l-LPIS, imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c).

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar:

(a) il-forma u l-kontenut ta', u l-arranġamenti għat-trażmissjoni jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ta':

(i) ir-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu (4);

(ii) l-azzjonijiet ta' rimedju pprovduti mill-Istati Membri;

(b) il-karatteristiċi bażiċi, u regoli dwar:

(i) l-AMS;

(ii) il-GSA;

(iii) l-LPIS;

(iv) is-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-art.

9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3) [proċedura ta' kumitat, proċedura ta' eżami].

Or. en

Emenda 3326
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awtorità inkarigata mill-governanza tad-data skont il-PAK	***Interoperabbiltà tal-bażijiet tad-data u*** awtorità inkarigata mill-governanza tad-data skont il-PAK

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' interoperabbiltà huwa sors ewlieni ta' kumplessità fl-interfaċċa tal-PAK u tas-SIAK li jiffaċċjaw il-bdiewa; it-titjib tal-interoperabbiltà huwa mod ewlieni biex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-politika, aktar milli jiġu deregolati u jintilfu r-riżultati tanġibbli tal-politika li jtejbu l-ħajjiet u l-għajxien. Barra minn hekk, wara li rrifjutaw il-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni biex jinvolvu ruħhom fil-kwistjoni fit-trilogi ta' "simplifikazzjoni" tal-ħarifa 2025, l-Istati Membri wiegħdu li jittrattaw l-interoperabbiltà din id-darba.

Emenda 3327
Stefan Köhler, Monika Hohlmeier, Tomáš Zdechovský, Marion Walsmann, Norbert Lins

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awtorità inkarigata mill-governanza tad-data skont il-PAK	***Governanza*** tad-data skont il-PAK

Or. en

Emenda 3328
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. -1. Fl-interess tas-simplifikazzjoni tal-interfaċċa li l-benefiċjarji jinteraġixxu magħha u l-informazzjoni li jeħtiġilhom

jipprovdu biex jaċċessaw l-appoġġ, u biex jinfurzaw kemm jista' jkun il-verifika waħda fis-sena, skont il-prinċipju tal-benefiċjarju, l-Istati Membri għandhom jinvestu biex jimplimentaw l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-data. Il-kampijiet tad-data li għandhom jiġu integrati u magħmula interoperabbli għandhom jirriflettu l-objettivi tal-PAK u tal-pagamenti u l-interventi relatati mal-PAK, filwaqt li jikkombinaw is-SIAK, is-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS-GIS) u s-saffi tal-komponenti li jinkludu informazzjoni fil-livell ambjentali, tal-bijodiversità u tal-pajsaġġ, ma' informazzjoni għall-monitoraġġ tar-riżorsi naturali marbuta mal-agrikoltura u mal-foresti, inklużi l-ħamrija u l-ilma.

0. Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jagħmlu disponibbli għotjiet u self għall-Istati Membri biex jinvestu fl-aġġornament tas-sistemi tal-informazzjoni tagħhom u biex jagħmluhom aktar effettivi u interoperabbli, kif ukoll assistenza teknika mill-JRC tal-Kummissjoni lill-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jġarrbu l-kost tas-SIAK huma stess, iżda biex jaġġornaw is-sistemi sabiex jissimplifikaw il-proċeduri u jimminimizzaw l-isforz amministrattiv tal-bdiewa, inaqqsu l-ħtieġa li tintalab jew tinġabar informazzjoni, dan jeħtieġ investiment biex tiżdied l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-data. Wieħed irid jimmaġina li b'interoperabbiltà xierqa, il-maġġoranza tal-kontrolli fuq il-post jistgħu ma jsirux, jew il-formoli ta' applikazzjoni jistgħu jiġu ġġenerati awtomatikament abbażi tat-tip ta' art li l-bdiewa jrabbu jew x'hemm fuqha, filwaqt li l-piż amministrattiv tal-bdiewa jitnaqqas għal meta wieħed jimmarka minn menù ta' għażliet ta' pagament.

Emenda 3329
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta' informazzjoni jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu data permezz tal-komunikazzjoni elettronika.	1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda ***pubblika u indipendenti*** responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK. ***Sabiex tiġi żgurata s-sovranità tad-data agrikola u jiġu evitati kunflitti ta' interess, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-awtorità ma tkunx entità privata, u lanqas korp marbut strutturalment jew finanzjarjament mas-settur agroindustrijali, ma' kumpaniji multinazzjonali tat-teknoloġija jew ma' konsulenzi privati. Għandu jkun ipprojbit li l-kompiti regolatorji u ta' ġestjoni tad-data essenzjali ta' din l-awtorità jiġu ddelegati jew esternalizzati lil atturi privati.*** Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta' informazzjoni jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu data permezz tal-komunikazzjoni elettronika.

Or. fr

Emenda 3330
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi	1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi

ta’ informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK. Għall-iskopijiet ta’ dan l-Artikolu, “interoperabbiltà” tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta’ informazzjoni jinteraġixxu ma’ xulxin billi jikkondividu data permezz tal-komunikazzjoni elettronika.	ta’ informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK***, inkluži l-ipproċessar, il-ġbir u l-kondiviżjoni ta’ informazzjoni, data u rekords minn livell ta’ roqgħa art għal ta’ bejn l-Istati Membri, sa fejn huwa meħtieġ biss biex tiġi implimentata, verifikata jew ssimplifikata l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni***. Għall-iskopijiet ta’ dan l-Artikolu, “interoperabbiltà” tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta’ informazzjoni jinteraġixxu ma’ xulxin billi jikkondividu data permezz tal-komunikazzjoni elettronika. ***Il-benefiċjarji għandhom, jekk applikabbli, iżommu s-sjieda tad-data mhux ipproċessata tagħhom, u l-koordinazzjoni tad-data għandha tipproteġi l-privatezza tal-benefiċjarji, bil-koordinazzjoni minflok bl-użu ta’ identifikaturi uniċi anonimizzati.***
	Or. en

Emenda 3331
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta’ azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi ta’ informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK. Għall-iskopijiet ta’ dan l-Artikolu, “interoperabbiltà” tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta’ informazzjoni	1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta’ azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi ta’ informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK. ***Din l-awtorità għandha taġixxi abbażi tal-istrutturi amministrattivi eżistenti u tiżgura***

jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu data permezz tal-komunikazzjoni elettronika.	***koordinazzjoni effettiva mal-aġenziji tal-pagamenti.*** Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta' informazzjoni jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu data permezz tal-komunikazzjoni elettronika.

Or. en

Emenda 3332
Stefan Köhler, Monika Hohlmeier, Tomáš Zdechovský, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Bħala parti minn dan il-ġbir tad-data, l-awtorità responsabbli ta' kull Stat Membru għandha taggrega wkoll l-informazzjoni dwar is-sjieda u l-istrutturi ta' kontroll tal-benefiċjarji kif deskritt fl-Artikolu 6(5).

Or. en

Emenda 3333
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jistgħu jużaw sistemi ta' monitoraġġ bis-satellita biex jivverifikaw l-istabbiliment u ż-żamma ta' prattiki ambjentali u għelejjel ta' kopertura. Meta l-Istati Membri jistabbilixxu skadenzi agrotekniċi bbażati fuq il-kalendarju għaż-żrigħ jew operazzjonijiet oħra ta' kultivazzjoni bħala kundizzjoni għall-appoġġ skont dan

ir-Regolament, huma għandhom jipprevedu flessibbiltà f'dawk l-iskadenzi meta l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, b'mod partikolari n-nixfa jew l-umdità żejda tal-ħamrija, jipprevjenu ż-żrigħ f'waqtu. L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistemi ta' monitoraġġ bis-satellita msemmija fil-paragrafu 1a biex jivverifikaw it-tfaċċar reali tal-għelejjel bħala mezz alternattiv biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti tal-kultivazzjoni, minflok il-konformità mal-iskadenza kalendarja.

Or. en

Emenda 3334
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta Stat Membru jirrikjedi li l-bdiewa jużaw sistemi ta' informazzjoni diġitali interoperabbli, huwa għandu, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jiżgura li:
	(a) l-għodod diġitali meħtieġa għall-konformità jkunu aċċessibbli u affordabbli għall-bdiewa kollha;
	(b) ikunu disponibbli appoġġ tekniku xieraq u opportunitajiet ta' taħriġ għall-bdiewa, inkluż permezz ta' servizzi ta' konsulenza;
	(c) ikun hemm arranġamenti fis-seħħ biex tiġi protetta d-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni.

Or. en

Emenda 3335

Nina Carberry, Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Jappella għal metrika ċara tal-Unjoni biex jiġi identifikat u traċċat l-infiq rurali relatat mal-PAK, filwaqt li jiġi żgurat li l-appoġġ għaż-żoni rurali jkun jista' jitkejjel, komparabbli fl-Istati Membri u jkun viżibbli għall-bdiewa u għall-komunitajiet rurali;

Or. en

Emenda 3336
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) is-salvagwardji applikabbli għall-protezzjoni, għall-aggregazzjoni, għall-anonimizzazzjoni u għall-użu sekondarju tad-data agrikola, filwaqt li jiġi żgurat li l-iskambju tad-data ma joħloqx piżijiet amministrattivi addizzjonali, jirrispetta l-kunfidenzjalità kummerċjali u jippermetti lill-bdiewa, lill-kooperattivi u lil benefiċjarji oħra jżommu kontroll adegwat fuq id-data dwar l-attivitajiet tagħhom.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-interoperabbiltà tad-data tista' tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni, iżda biss jekk tipproteġi b'mod adegwat l-informazzjoni dwar il-bdiewa, il-kooperattivi u l-benefiċjarji.

Emenda 3337

Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' inizjattivi oħra tal-interoperabbiltà tal-Unjoni u nazzjonali.	(b) ***(b)*** l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' inizjattivi oħra tal-interoperabbiltà tal-Unjoni u nazzjonali***, inkluż l-involviment ta' korpi jew entitajiet maħtura f'konformità mad-dritt nazzjonali għall-ġbir u għat-trażmissjoni ta' data addizzjonali meħtieġa għal interoperabbiltà sħiħa***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data issa tikkostitwixxi sors fundamentali ta' informazzjoni biex tiggwida l-politika pubblika u tevalwa l-eżiti tagħha. F'dan il-kuntest, il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tad-data huma rekwiżiti essenzjali, u huwa strateġikament importanti li tiġi prevista l-possibbiltà li l-ġbir tad-data jiġi fdat lil entitajiet diġà rikonoxxuti skont id-dritt nazzjonali, bħal korpi jew organizzazzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-politika agrikola komuni, mhux l-inqas bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati r-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi agrikoli u l-awtoritajiet nazzjonali.

Emenda 3338
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' inizjattivi oħra tal-interoperabbiltà tal-Unjoni u nazzjonali.	(b) l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' inizjattivi oħra tal-interoperabbiltà tal-Unjoni u nazzjonali***, inkluż l-involviment ta' korpi jew entitajiet maħtura f'konformità mad-dritt nazzjonali biex jiġbru u jittrażmettu aktar data rilevanti għal interoperabbiltà sħiħa***.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Id-data llum hija riżorsa ta' informazzjoni ewlenija biex tinforma l-politiki pubbliċi u tivvaluta r-riżultati tagħhom. F'dan il-kuntest, il-preċiżjoni u ċ-ċertezza tad-data jsiru rekwiżiti essenzjali u jsir strateġiku li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-ġbir tad-data għal entitajiet diġà rikonoxxuti mid-dritt nazzjonali, bħal korpi jew organizzazzjonijiet li joperaw fl-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-politika agrikola komuni, anke bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati r-relazzjonijiet bejn l-azjendi agrikoli u l-awtoritajiet nazzjonali.

Emenda 3339
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) (c) il-modalitajiet għall-protezzjoni tad-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 3340
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) metodi ta' protezzjoni tad-data personali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni.

Or. ro

Emenda 3341
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) (c) il-modalitajiet għall-protezzjoni tad-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 3342
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) (c) il-modalitajiet għall-protezzjoni tad-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

System should be voluntary. There is a need to ensure more clarity when it comes to the rules governing data access, individual data protection (aggregation, anonymisation) and secondary use of farm-level data as well as preventing its misuse. This clarification would need to be provided for as early on as the basic act. As already mentioned in point 3.8, as a principle, any data collection system should respect strict data protection rules and business confidentiality, avoid unnecessary administrative burden, ensure farmers retain control over the use of their data as per the EU Code of Conduct on Agricultural Data Sharing and the Data Governance Act. Digitalisation must reduce the administrative burden on farmers and cooperatives and farmers organisations already play an important role in this regard.

Aspects with a direct impact on CAP implementation and on farmers such as these need to be part of the basic act. Whenever this is not possible, that implementing acts would be more appropriate than delegated acts, but they should only be used when such aspects cannot be specified in the basic act.

Emenda 3343
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-modalitajiet għall-protezzjoni tad-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 3344
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet u t-tfassil tal-miżuri fuq il-prinċipju li d-data tinġabar darba biss u terġa' tintuża.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

System should be voluntary. There is a need to ensure more clarity when it comes to the rules governing data access, individual data protection (aggregation, anonymisation) and secondary use of farm-level data as well as preventing its misuse. This clarification would need to be provided for as early on as the basic act. As already mentioned in point 3.8, as a principle, any data collection system should respect strict data protection rules and business confidentiality, avoid unnecessary administrative burden, ensure farmers retain control over the use of their data as per the EU Code of Conduct on Agricultural Data Sharing and the Data Governance Act. Digitalisation must reduce the administrative burden on farmers and cooperatives and farmers organisations already play an important role in this regard.

Aspects with a direct impact on CAP implementation and on farmers such as these need to be part of the basic act. Whenever this is not possible, that implementing acts would be more appropriate than delegated acts, but they should only be used when such aspects cannot be specified in the basic act.

Emenda 3345
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet u t-tfassil tal-miżuri fuq il-prinċipju li d-data tingħabar darba biss u terġa' tintuża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3346
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom ***jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet u t-tfassil tal-miżuri fuq il-prinċipju*** li d-data tingħabar darba biss u terġa' tintuża.	***Meta jimplimentaw dan ir-Regolament***, l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw*** li d-data ***pprovduta mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra tal-PAK*** tingħabar darba biss u terġa' tintuża ***fis-sistemi tal-informazzjoni kollha***.

Or. en

Emenda 3347
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-Istat Membru għandu jqis b'mod partikolari l-ħtieġa li	***imħassar***

jiġi stabbilit qafas uniku għall-identità diġitali u għandu jqis l-allinjament mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, inkluż fir-rigward tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

System should be voluntary. There is a need to ensure more clarity when it comes to the rules governing data access, individual data protection (aggregation, anonymisation) and secondary use of farm-level data as well as preventing its misuse. This clarification would need to be provided for as early on as the basic act. As already mentioned in point 3.8, as a principle, any data collection system should respect strict data protection rules and business confidentiality, avoid unnecessary administrative burden, ensure farmers retain control over the use of their data as per the EU Code of Conduct on Agricultural Data Sharing and the Data Governance Act. Digitalisation must reduce the administrative burden on farmers and cooperatives and farmers organisations already play an important role in this regard.

Aspects with a direct impact on CAP implementation and on farmers such as these need to be part of the basic act. Whenever this is not possible, that implementing acts would be more appropriate than delegated acts, but they should only be used when such aspects cannot be specified in the basic act.

Emenda 3348
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-Istat Membru għandu jqis b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas uniku għall-identità diġitali u għandu jqis l-allinjament mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, inkluż fir-rigward tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3349
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Id-data kondiviża permezz ta' sistemi interoperabbli tal-informazzjoni skont dan ir-Regolament għandha tiġi anonimizzata u użata esklużivament għal finijiet relatati mal-implimentazzjoni, mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni tal-PAK jew għal finijiet ta' statistika.

Or. en

Emenda 3350
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-ġbir, l-ipproċessar, l-iskambju u l-pubblikazzjoni tad-data fl-ambitu tal-PAK għandhom ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat għall-ġestjoni, għall-kontroll, għall-monitoraġġ u għall-valutazzjoni tal-interventi. Informazzjoni addizzjonali dwar l-istruttura tas-sjieda, is-sjieda tal-irqajja' tal-art, ir-relazzjonijiet tal-kiri, id-data proprjetarja jew tal-kumpanija tal-benefiċjarji, ma għandhiex tkun meħtieġa jew ippubblikata, ħlief fejn ikun strettament meħtieġ u espressament previst fil-liġi tal-Unjoni applikabbli. Għandu japplika l-prinċipju ta' darba biss, filwaqt li jiġu evitati talbiet duplikati għal informazzjoni diġà disponibbli fir-rekords amministrattivi uffiċjali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Is-simplifikazzjoni għandha tiġi estiża wkoll għall-ġestjoni tad-data. Il-PAK ma għandhiex toħloq pożijiet amministrattivi ġodda jew tesponi data sensittiva proprjetarja jew dwar il-produduzzjoni tal-bdiewa u ta' min irabbi l-bhejjem.

Emenda 3351
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sas-16 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja, rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-passi u l-miżuri u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali.	L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sas-16 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja, rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-passi u l-miżuri u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali. ***Ir-rekwiżiti ta' rapportar annwali għandhom jibqgħu proporzjonati u ma għandhomx iwasslu għal pożijiet amministrattivi addizzjonali għall-bdiewa jew għall-amministrazzjonijiet nazzjonali.***

Or. en

Emenda 3352
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sas-16 ta' Diċembru ***ta' kull sena kalendarja***, rapport ***annwali*** dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-passi u l-miżuri u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fil-Pjan	***L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-Pjanijiet Direzzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sas-16 ta' Diċembru 2028.*** L-Istati Membri ***mbagħad*** għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sas-16 ta' Diċembru ***2031 u sas-16 ta' Diċembru 2034 rispettivament***, rapport ***inizjali u***

Direzzjonali.	***finali*** dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-passi u l-miżuri u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali.

Or. pt

Emenda 3353
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni***, sas-16 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja,*** rapport ***annwali*** dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-passi u l-miżuri u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali.	L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-passi u l-miżuri u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali***, u dan isir f'żewġ okkażjonijiet matul il-programm: darba f'nofs il-programm u darb'oħra fl-aħħar tal-programm***.

Or. fr

Emenda 3354
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni emendi tal-Pjanijiet Direzzjonali ***flimkien mar-rapporti annwali***.	Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni emendi tal-Pjanijiet Direzzjonali.

Or. fr

Emenda 3355
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-ewwel rapport annwali lill-Kummissjoni sas-16 ta' Diċembru ***2029***.	L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-ewwel rapport annwali lill-Kummissjoni sas-16 ta' Diċembru ***2031***.

Or. fr

Emenda 3356
Stefan Köhler, Monika Hohlmeier, Tomáš Zdechovský, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema tal-IT kompletament interoperabbli sabiex taggrega l-informazzjoni dwar is-sjieda u l-kontroll mibgħuta mill-Istati Membri, biex tidentifika u tittraċċa benefiċjarji fuq skala kbira tal-appoġġ tal-PAK fl-UE, abbażi ta' standards armonizzati tad-data li jippermettu l-aggregazzjoni transfruntiera fost l-Istati Membri kollha biex jiġu identifikati s-sjieda u l-kontroll reali fl-Unjoni Ewropea; jisħaq li tali sistema għandha tippermetti li l-pagamenti jiġu traċċati għar-riċevituri finali u, meta jkun applikabbli, għas-sidien benefiċjarji ta' persuni ġuridiċi; jissottolinja li s-sistema trid tiġi implimentata f'konformità sħiħa mal-GDPR u mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja;

Or. en

Emenda 3357
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli ***meta l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 tkun teħtieġ dan, kif ukoll regoli*** dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).

Or. en

Emenda 3358
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli ***meta l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 tkun***	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).

teħtieġ dan, kif ukoll regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).

Or. en

Ġustifikazzjoni

System should be voluntary. There is a need to ensure more clarity when it comes to the rules governing data access, individual data protection (aggregation, anonymisation) and secondary use of farm-level data as well as preventing its misuse. This clarification would need to be provided for as early on as the basic act. As already mentioned in point 3.8, as a principle, any data collection system should respect strict data protection rules and business confidentiality, avoid unnecessary administrative burden, ensure farmers retain control over the use of their data as per the EU Code of Conduct on Agricultural Data Sharing and the Data Governance Act. Digitalisation must reduce the administrative burden on farmers and cooperatives and farmers organisations already play an important role in this regard.

Aspects with a direct impact on CAP implementation and on farmers such as these need to be part of the basic act. Whenever this is not possible, that implementing acts would be more appropriate than delegated acts, but they should only be used when such aspects cannot be specified in the basic act.

Emenda 3359
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli ***meta l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 tkun teħtieġ dan, kif ukoll regoli*** dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).

Or. en

Emenda 3360
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li*** tadotta atti ***delegati f'konformità*** mal-Artikolu 23, ***li huma*** meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju ***bla xkiel*** tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK ***jiġu implimentati*** b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu***, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli meta l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 tkun teħtieġ dan, kif ukoll regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b)***.	5. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ***ta' implimentazzjoni f'konformità*** mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 23, ***meta jkunu*** meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK ***japplikaw*** b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu limitati għall-aspetti tekniċi tal-interoperabbiltà u ma jistgħux jintroduċu obbligi materjali ġodda għall-bdiewa, għall-kooperattivi, għall-benefiċjarji jew għall-awtoritajiet nazzjonali li mhumiex previsti f'dan ir-Regolament***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli li jaffettwaw direttament l-implimentazzjoni tal-PAK u l-obbligi tal-benefiċjarji għandhom jibqgħu fl-att bażiku. Meta jkunu meħtieġa atti sussegwenti, dawn għandhom ikunu limitati għal aspetti tekniċi u jevitaw aktar pożijiet materjali.

Emenda 3361
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni***

Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli meta l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 tkun teħtieġ dan, kif ukoll regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).	f'konformità mal-Artikolu 23, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interoperabbiltà u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jiġu implimentati b'mod effiċjenti, koerenti, effettiv u f'waqtu, li jissupplimentaw dan l-Artikolu b'regoli meta l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 2 tkun teħtieġ dan, kif ukoll regoli dwar il-miżuri ta' interoperabbiltà msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b).

Or. en

Emenda 3362
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni jkollha aċċess elettroniku sigur, dirett u f'format li jinqara biss għall-finijiet tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni, tal-awditjar, tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni u tal-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess, finanzjament doppju u irregolaritajiet oħra, għal:
	(a) Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS);
	(b) is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll;
	(c) rekords relatati mal-benefiċjarji li jirċievu appoġġ skont dan ir-Regolament;
	(d) kwalunkwe sistema ta' informazzjoni oħra msemmija fil-paragrafu 1 li tkun meħtieġa għall-eżerċizzju effettiv tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni skont

id-dritt tal-Unjoni.

Tali aċċess għandu jkun limitat għad-data strettament meħtieġa għal dawk il-finijiet u għandu jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali u s-sigurtà tal-informazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda ssaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi tippermetti lill-Kummissjoni tivverifika n-nefqa tal-PAK abbażi ta' data affidabbli. Din tirrifletti rakkomandazzjonijiet ripetuti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tittejjeb l-identifikazzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u irregolaritajiet filwaqt li jiġi żgurat aċċess li jinqara biss limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ.

Emenda 3363
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u tal-programmi koperti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-territorji koperti mill-Artikoli 174 u 349 tat-TFUE.

Or. fr

Emenda 3364
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a

Artikolu 52 Funzjonijiet tal-aġenzija tal-pagamenti

1. L-aġenzija tal-pagamenti għandu jkollha organizzazzjoni amministrattiva u sistema ta' kontroll intern li tikkonforma mal-istandards ta' kontroll intern rikonoxxuti internazzjonalment u li tipprovdi garanziji suffiċjenti li l-pagamenti jkunu legali, regolari u ġustifikati kif xieraq.

2. Kull Stat Membru għandu, filwaqt li jqis id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tiegħu, jirrestrinġi l-għadd ta' aġenziji tal-pagamenti akkreditati tiegħu għal aġenzija tal-pagamenti unika fil-livell nazzjonali jew, meta jkun applikabbli, għal aġenzija tal-pagamenti waħda għal kull reġjun.

3. Fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 5 [tip ta' interventi tal-PAK], l-aġenzija tal-pagamenti għandha twettaq il-kompiti tal-awtorità ta' ġestjoni elenkati fl-Artikolu 51(1) [awtorità ta' ġestjoni], il-punti (b), (c), (f), (g), (h), (i), (j) u (k) u (2) u (3) ta' dak l-Artikolu. L-aġenzija tal-pagamenti tista' tiddelega t-twettiq tal-kompiti tagħha, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti.

4. L-aġenzija tal-pagamenti għandha tipprovdi lill-awtorità ta' koordinazzjoni l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-Artikolu 50, il-punti (c), (e) u (f) tar-Regolament [CA]. Il-persuna inkarigata mill-aġenzija tal-pagamenti għandha tfassal u tipprovdi lill-awtorità ta' koordinazzjoni d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 59(1), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament [Sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament annwali].

5. Kull Stat Membru għandu jimmonitorja kontinwament il-konformità tal-aġenzija tal-pagamenti mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkun inkarigat mill-ħruġ, mir-rieżami u mill-irtirar tal-akkreditazzjoni tagħhom. Meta l-Istat Membru jkun iddetermina li aġenzija tal-pagamenti akkreditata ma tibqax

tirrispetta wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 b'mod li jaffettwa t-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Istat Membru għandu jqiegħed l-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti taħt probation mingħajr dewmien. Hija għandha tfassal pjan li jinkludi azzjonijiet u skadenzi biex tirrimedja n-nuqqasijiet misjuba fi żmien perjodu li għandu jiġi ddeterminat skont is-severità tal-problema. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar mid-data li fiha l-akkreditazzjoni titqiegħed taħt probation. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tagħti estensjoni ta' dak il-perjodu.

Or. ro

Emenda 3365
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-bdiewa u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.
	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun seħħ diżastru naturali, event

klimatiku avvers jew event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawk l-eventi, jew il-miżuri adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda jew pest tal-pjanti, jew il-miżuri adottati biex jiġi pprevenut jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw, b'mod dirett, ħsara li twassal għall-qerda ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu ta' 3 snin preċedenti jew f'medja ta' 3 snin abbażi tal-perjodu ta' 5 snin preċedenti, eskluż l-ogħla entrata u l-aktar waħda baxxa.

3. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli għall-kumpens tat-telf tal-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-bdiewa li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-azjendi agrikoli, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. Jistgħu jintużaw indiċijiet għall-kalkolu tat-telf tal-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 38 tal-SNR). It-test il-ġdid: "20 %" minflok 30 % tal-qerda.

Emenda 3366
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Artikolu 21a (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 84 tal-SNR) Regoli applikabbli għall-impriżi
	Meta l-appoġġ jingħata permezz tal-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 5(1), ta' dan ir-Regolament, għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-impriżi, inkluż il-kooperattivi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali, il-komunitajiet ta' irrigazzjoni u strutturi kollettivi oħra tal-bdiewa jew ta' min irabbi l-bhejjem, tali appoġġ jista' jingħata biss lil dawk il-forom ta' kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Dawk ir-regoli tal-kompetizzjoni għandhom jiġu applikati b'mod li jippreżerva l-kapaċità tal-bdiewa u tal-organizzazzjonijiet tagħhom li jikkonċentraw il-provvista, itejbu s-saħħa ta' negozjar tagħhom, jippjanaw il-produzzjoni, jiżviluppaw l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, itejbu l-ġestjoni tal-ilma u tar-riżorsi, jippromwovu l-innovazzjoni, is-sistemi ta' kwalità, il-ktajjen tal-provvista qosra u l-valur miżjud fiż-żoni rurali.

Or. es

Emenda 3367
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Komunikazzjoni ta' informazzjoni
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ mogħti permezz tal-interventi tal-Pjan SNR tal-PAK jipprovdu lill-awtorità ta' ġestjoni, jew lil korpi oħra inkarigati mill-eżerċitar ta' funzjonijiet f'isimha, bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-Pjan SNR tal-PAK.
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti sorsi ta' data komprensiva, aġġornati u affidabbli sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ effettiv tal-progress li jseħħ fl-implimentazzjoni ta' politiki bl-għan li jintlaħqu l-objettivi bl-użu tal-indikaturi tal-output, tar-riżultati u tal-impatt.

Or. fr

Emenda 3368
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Regoli li japplikaw għall-impriżi
	Meta l-appoġġ jingħata permezz ta' interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1), tar-Regolament dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' riforma għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-impriżi, dan jista' jingħata biss għal tali forom ta'

kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. es

Emenda 3369
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Regoli li japplikaw għall-impriżi
	Meta l-appoġġ jingħata permezz ta' interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-impriżi, dan jista' jingħata biss lil tali forom ta' kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 84 tal-SNR)

Emenda 3370
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Regoli li japplikaw għall-impriżi
	Meta l-appoġġ jingħata permezz ta' interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu

35(1) tar-Regolament SNR għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-impriżi, dan jista' jingħata biss lil tali forom ta' kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Emenda 3371
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Regoli li japplikaw għall-impriżi
	Meta l-appoġġ jingħata permezz ta' interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament SNR għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-impriżi, dan jista' jingħata biss lil tali forom ta' kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Emenda 3372
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Regoli li japplikaw għall-impriżi
	Meta l-appoġġ jingħata permezz ta' interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu

5(1) ta' dak ir-Regolament għal forom ta' kooperazzjoni bejn l-impriżi, dan jista' jingħata biss lil tali forom ta' kooperazzjoni li jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 84 tal-SNR)

Emenda 3373
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21b
	Għajnuna mill-Istat
	1. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE għandhom japplikaw għall-appoġġ skont dan ir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tat-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa ta' dak ir-Regolament;
	2. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għall-appoġġ imħallas mill-Istati Membri skont u f'konformità ma' dan ir-Regolament u għall-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet eliġibbli pprovduta mill-Istati Membri għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) jew għall-finanzjament nazzjonali addizzjonali previst għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) ta' dak ir-Regolament, li jaqgħu fil-kamp ta'

applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.

3. L-appoġġ ipprovdut mill-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE li jkun maħsub biex jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d), (e), (f) u (h) sa (r), ta' dak ir-Regolament li għalihom jingħata appoġġ mill-Unjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu tal-Pjan jista' jsir biss jekk jikkonforma ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament SNR u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u jkun stabbilit fil-Pjan SNR.

4. L-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a), (b), (c) u (g), ta' dak ir-Regolament.

5. Għall-prodotti agrikoli koperti mill-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fis-setturi tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-prodotti, sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-biedja fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew minħabba d-distanza, l-insularità, id-daqs żgħir u d-distanza estrema tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew skont dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-finanzjament addizzjonali lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tista' tapprovah f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala parti mill-Pjanijiet. Għalhekk, l-għajnuna nnotifikata għandha titqies bħala notifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

6. B'deroga mill-Artikolu 211 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006[1], l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal pagamenti li jappoġġaw il-produzzjoni agrikola lokali u arranġamenti speċifiċi ta' provvista magħmula mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament. [1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ fi, prodotti agrikoli (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1184/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 85 tal-SNR) S

Emenda 3374
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21b
	Għajnuna mill-Istat
	1. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE għandhom japplikaw għall-appoġġ skont dan ir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tat-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa ta' dak ir-Regolament;
	2. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għall-appoġġ imħallas mill-Istati Membri skont u

f'konformità ma' dan ir-Regolament u għall-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet eliġibbli pprovduta mill-Istati Membri għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) jew għall-finanzjament nazzjonali addizzjonali previst għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) ta' dak ir-Regolament, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.

3. L-appoġġ ipprovdut mill-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE li jkun maħsub biex jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d), (e), (f) u (h) sa (r), ta' dak ir-Regolament li għalihom jingħata appoġġ mill-Unjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu tal-Pjan jista' jsir biss jekk jikkonforma ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament SNR u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u jkun stabbilit fil-Pjan SNR.

4. L-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a), (b), (c) u (g), ta' dak ir-Regolament.

5. Għall-prodotti agrikoli koperti mill-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fis-setturi tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-prodotti, sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-biedja fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew minħabba d-distanza, l-insularità, id-daqs żgħir u d-distanza estrema tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-

Eġew skont dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-finanzjament addizzjonali lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tista' tapprovah f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala parti mill-Pjanijiet. Għalhekk, l-għajnuna nnotifikata għandha titqies bħala notifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

6. B'deroga mill-Artikolu 211 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal pagamenti li jappoġġaw il-produzzjoni agrikola lokali u arranġamenti speċifiċi ta' provvista magħmula mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament. [1a]

[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ fi, prodotti agrikoli (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1184/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 85 tal-SNR)

Emenda 3375
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21b

Għajnuna mill-Istat

1. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE għandhom japplikaw għall-appoġġ skont dan ir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tat-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa ta' dak ir-Regolament;

2. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għall-appoġġ imħallas mill-Istati Membri skont u f'konformità ma' dan ir-Regolament u għall-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet eliġibbli pprovduta mill-Istati Membri għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) tar-Regolament SNR jew għall-finanzjament nazzjonali addizzjonali previst għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) tar-Regolament SNR, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.

3. L-appoġġ ipprovdut mill-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE li jkun maħsub biex jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (d), (e), (f) u (h) sa (r), tar-Regolament SNR li għalihom jingħata appoġġ mill-Unjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu tal-Pjan jista' jsir biss jekk jikkonforma ma' dan ir-Regolament, mar-Regolament SNR u mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u jkun stabbilit fil-Pjan SNR.

4. L-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (a), (b), (c) u (g), tar-Regolament SNR.

5. Għall-prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura koperti mill-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli

107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fis-setturi li jipproduċu, jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw dawk il-prodotti, bil-għan li jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-produzzjoni tal-biedja, tas-sajd u tal-akkwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità, id-daqs żgħir u l-qagħda mbiegħda estrema tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew skont dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-finanzjament addizzjonali lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tista' tapprovah f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala parti mill-Pjanijiet. Għalhekk, l-għajnuna nnotifikata għandha titqies bħala notifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

6. B'deroga mill-Artikolu 211 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal pagamenti li jappoġġaw il-produzzjoni agrikola lokali u arranġamenti speċifiċi ta' provvista magħmula mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3376
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21b
	Artikolu 21b (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 85 tal-SNR) Appoġġ statali
	3. L-appoġġ ipprovdut mill-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE, li jkun maħsub biex jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d), (e), (f) u (h) sa (r), ta' dan ir-Regolament li għalihom jingħata appoġġ mill-Unjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu tal-Pjan, jista' jsir biss jekk jikkonforma ma' dan ir-Regolament, mar-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u huwa stabbilit fil-Pjan SNR.
	L-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali għan-nefqa veterinarja marbuta ma' kriżijiet veterinarji kbar, inkluż meta tali nefqa tkun iffinanzjata permezz tax-Xibka ta' Sikurezza tal-Mekkaniżmu, kull meta jkun meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali, tas-saħħa pubblika, tas-sigurtà tal-ikel, tal-istabbiltà tas-suq jew tal-kontinwità tal-attività agrikola. Dak il-finanzjament addizzjonali għandu jiġi vvalutat b'mod proporzjonat u urġenti u ma għandux idewwem l-applikazzjoni ta' miżuri veterinarji ta' emerġenza.

Or. es

Emenda 3377
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 21b

Artikolu 20(1) – Rati ta' kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati – ittrasferit mir-Regolament PSNR

1. Ir-rata minima ta' kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati ta' miżura fl-ambitu tal-PAK ma tistax tkun inqas minn: (a) 15 % għar-reġjuni inqas żviluppati; Artikolu 20(4) – ittrasferit mir-Regolament PSNR

2. Ma għandha tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5, il-punti (a), (b), (c) u (g). Ma għandu jiġi pprovdut l-ebda finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawk l-interventi. Kwalunkwe rata ta' kontribuzzjoni li tidderoga minn dawk tal-paragrafu 1 stabbilita għall-interventi msemmija fit-Titolu V, inkluż fejn ma tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali, għandha tapplika biss għal ammont totali ta' interventi li ma jaqbiżx is-sehem tal-Istat Membru tal-ammont stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii), kif stabbilit fl-Anness I.

Or. ro

Emenda 3378
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 21c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21c
	Artikolu 22 Rekwiżiti għall-Pjan SNR
	PAK:
	(a) jikkonċentra r-riżorsi fuq: l-appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament XX [PAK, tiġdid ġenerazzjonali];

(b) jikkontribwixxi b'mod effettiv għal: I) it-titjib tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli u l-ġestjoni tar-riskji fil-livell tal-azjendi agrikoli u l-appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali u mmexxija mid-data tal-agrikoltura u taż-żoni rurali biex jissaħħu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tagħhom; (II) l-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [PAK – Oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi].

(c) jippromwovi s-sħubija, l-iskambju tal-għarfien u, kif rilevanti, id-distribuzzjoni tal-prodotti agrikoli billi jistabbilixxi:

(I) liema partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati, kif intgħażlu, kif ġew żgurati r-rappreżentanza u l-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess tagħhom u kif l-input tagħhom huwa rifless fil-Pjan f'konformità mal-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija22, u billi jinkludi sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mwettaq għat-tħejjija tal-Pjan u ta' kull kapitolu;

(II) Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli inkluża l-organizzazzjoni tagħha stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK – Sistema tal-għarfien u tal-innovazzjoni agrikoli u servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli]; (III) il-modalitajiet għall-iskema għall-iskejjel tal-UE f'konformità mat-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(d) jispeċifika l-mod li bih il-Pjan SNR u l-implimentazzjoni tiegħu jikkonformaw mal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 6(3), inkluża deskrizzjoni tal-prattiki protettivi msemmija fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom, il-bdiewa u benefiċjarji oħra soġġetti għall-prattika u sommarju tal-prattika protettiva, u l-

komplementarjetà bejn l-elementi tal-intendenza tal-azjendi agrikoli u l-miżuri rilevanti appoġġati fl-ambitu tal-Pjan SNR;

Or. ro

Emenda 3379
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 21c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21c
	Miżuri tranżizzjonali
	1. Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-applikazzjoni kontinwa tar-regoli tal-qafas attwali tal-PAK li jkopru l-perjodu mill-2023 sal-2027 ("il-qafas attwali tal-PAK") u pagamenti mingħajr interruzzjoni lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra, u b'hekk jipprovdi prevedibbiltà u stabbiltà matul il-perjodu tranżizzjonali fis-snin 2028 u 2029 ("perjodu tranżizzjonali") sad-data tal-applikazzjoni tal-qafas legali l-ġdid.

Or. en

Emenda 3380
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 21d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21d
	Sistema ta' kontroll u penali għall-intendenza tal-azjendi agrikoli

1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] tar-[Regolament PSNR], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu XX, il-paragrafu XX, tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament PKS]. Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 20 [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u mill-penali skont dan l-Artikolu. Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. Għall-finijiet tal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) [...] [SNR], l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali, tal-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi u l-istandards tax-xogħol applikabbli biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti legali relatati mal-ġestjoni stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet A u B.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandhom jiġu nnotifikati, meta jkun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità

fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 1. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u gradazzjoni tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza jew tal-okkorrenza mill-ġdid u tal-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 4 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 3 meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) in-nuqqas ta' konformità jkun relatat mal-attività agrikola tal-benefiċjarju, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 2a(2) ta' dan ir-Regolament [l-Artikolu 4(22) u (23) tar-Regolament SNR];

(b) in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna l-azjenda kif definita fl-Artikolu 4(15) [definizzjonijiet – azjenda] tar-Regolament (UE) [...] [SNR] jew żoni oħra ġestiti mill-benefiċjarju li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna żoni forestali, il-penali msemmija fil-paragrafu 4 ma għandhomx jiġu applikati meta ma jintalab l-ebda appoġġ għaż-żona kkonċernata.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 3 li ma jikkonformawx, fi kwalunkwe ħin fis-sena kalendarja kkonċernata, mar-rekwiżiti tal-intendenza tas-sajd. Il-penali għandhom jikkonsistu fit-tnaqqis jew fl-esklużjoni tal-ammont totali tal-pagamenti skont il-miżuri elenkati fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (f), u (o) u

(p), sa fejn dawn jikkonċernaw appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali, mogħti jew li jkun se jingħata lill-benefiċjarju kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna li l-benefiċjarju jkun ippreżenta jew li jkun se jippreżenta matul is-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità. Il-penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata s-sena kalendarja li fiha jkun seħħ in-nuqqas ta' konformità, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pagamenti mogħtija jew li jkunu se jingħataw fis-sena kalendarja tas-sejba tan-nuqqas ta' konformità. Sabiex jiġu kkalkulati dawk il-penali, għandhom jitqiesu l-gravità, l-estent, it-tul ta' żmien jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab. Penali imposta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-atti legali elenkati fl-Anness I, il-Partijiet A u B, għall-istess att jew ommissjoni ta' bidwi jew benefiċjarju ieħor għandha titqies fil-kalkolu tal-penali msemmija fl-ewwel subparagrafu. In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 15 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta l-ebda penali amministrattiva jekk:

(a) In-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali;

(b) In-nuqqas ta' konformità jkun minħabba ordni minn awtorità pubblika.

Or. ro

Emenda 3381
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Ton Diepeveen, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Miżuri biex jissolvew problemi speċifiċi	
1. Sabiex jissolvew problemi speċifiċi, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament iżda sal-punt u għal dak il-perjodu strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).	
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza u debitament ġustifikati, u sabiex jissolvew problemi speċifiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1 filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-interventi tal-PAK stabbiliti fil-Pjan SNR fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3).	
3. Il-miżuri adottati skont il-paragrafi 1 jew 2 għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Jekk wara dan il-perjodu l-problemi speċifiċi msemmija f'dawk il-paragrafi jippersistu, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva xierqa biex tistabbilixxi soluzzjoni permanenti.	
4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafu 1 jew 2 fi żmien jumejn ta'	

xogħol mill-adozzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 3382
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jissolvew problemi speċifiċi, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament iżda sal-punt u għal dak il-perjodu strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).	1. Sabiex jissolvew problemi speċifiċi***, inklużi dawk li jirriżultaw mill-effetti negattivi ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jikkawżaw dumping ekonomiku, soċjali, ambjentali u tas-saħħa għad-detriment tal-agrikoltura Ewropea,*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'emerġenza***. Dawn l-atti jinkludu l-iskattar immedjat ta' miżuri għas-sospensjoni tal-importazzjonijiet tal-prodotti agrikoli li ma jikkonformawx mal-istandards stretti tal-produzzjoni ambjentali, soċjali u tas-saħħa tal-Unjoni***. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament iżda sal-punt u għal dak il-perjodu strettament meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).

Or. fr

Emenda 3383
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-introjti baxxi tal-bdiewa huma parzjalment marbuta mal-volatilità tal-prezzijiet tal-materja prima agrikola, amplifikata minn pożizzjonijiet spekulattivi fis-swieq futuri, li jiskonnettjaw il-prezzijiet agrikoli mir-realtà ekonomika tal-produtturi u jheddu s-sovranità tal-ikel tal-Unjoni. Mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 li jintroduċi limiti ta' pożizzjoni vinkolanti bl-għan li tiġi evitata l-ispekulazzjoni fid-derivattivi tal-materja prima agrikola u jissaħħu s-setgħat superviżorji u ta' sanzjonar tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq f'dawn is-swieq.

Or. fr

Emenda 3384
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1b. Meta l-Kummissjoni ssib, abbażi tad-data ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 20a, li l-indikaturi ambjentali u klimatiċi marbuta mal-interventi tal-PAK fi Stat Membru jkunu naqsu, b'riżultat tal-għażliet li jkunu saru għat-tfassil jew għall-implimentazzjoni tal-Pjan SNR tagħha, din għandha tinnotifika lil dak l-Istat Membru biex jissottometti pjan ta' korrezzjoni fi żmien tliet xhur. Fi tmiem dak il-perjodu, jekk ma jkun ġie ppreżentat jew approvat l-ebda pjan ta' korrezzjoni konformi, il-Kummissjoni għandha tissospendi awtomatikament 15 % tal-pagamenti interim dovuti lil dak**

l-Istat Membru skont l-interventi kollha msemmija fl-Artikolu 5(1). Jekk ir-rigressjoni ma tiġix ikkoreġuta fi żmien sitt xhur mis-sospensjoni, ir-rata ta' sospensjoni għandha tiżdied għal 25 % u l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport motivat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ammonti sospiżi ma għandhomx jiġu riportati u għandhom jintilfu definittivament għall-Istat Membru kkonċernat jekk il-korrezzjoni ma ssirx qabel l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni.

Or. fr

Emenda 3385
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza u debitament ġustifikati, u sabiex jissolvew problemi speċifiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1 filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-interventi tal-PAK stabbiliti fil-Pjan SNR fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3).	2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza u debitament ġustifikati, u sabiex jissolvew problemi speċifiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1 filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-interventi tal-PAK stabbiliti fil-Pjan SNR fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji, il-Kummissjoni għandha ***l-ewwel tippreżenta evidenza bażika biex tiġġustifika l-miżuri proposti qabel ma mbagħad*** tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3). ***Fi żmien 3 xhur mill-bidu tal-urġenza, il-Kummissjoni għandha tipprovdi kwantifikazzjonijiet aktar dettaljati jew kalkoli tal-impatt mistenni tal-miżuri li kienet ippproponiet, filwaqt li tirreferi għas-sorsi tad-data, għall-istudji u għas-suppożizzjonijiet magħmula, li jikkostitwixxu valutazzjoni tal-impatt.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan biex jiġi żgurat tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza anke fi "proċeduri ta' emerġenza" bħal dawn, u biex jiġi pprevenut li l-Kummissjoni terġa' tikser ir-regoli tagħha stess ta' "regolamentazzjoni aħjar". Intużaw ġustifikazzjonijiet dgħajfa jew l-ebda ġustifikazzjoni biex tinbidel b'mod sinifikanti l-politika, inkluż każijiet fid-deċiżjoni tal-Ombudsman 1379/2024/MIK. Fl-aħħar perjodu ta' programmazzjoni, l-arkitettura ekoloġika tal-PAK inbidlet 6 darbiet minn meta l-koleġiżlaturi qablu dwar il-PAK il-ġdida tal-2021, u lanqas biss darba ma ġiet ippruvduta valutazzjoni tal-impatt jew kwalunkwe evidenza lil-leġiżlaturi, eż. iż-żona/il-benefiċjarji affettwati, kif se jiġu affettwati, eċċ.

Emenda 3386
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-miżuri adottati skont il-paragrafi 1 jew 2 għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Jekk wara dan il-perjodu l-problemi speċifiċi msemmija f'dawk il-paragrafi jippersistu, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva xierqa biex tistabbilixxi soluzzjoni permanenti.	3. Il-miżuri adottati skont il-paragrafi 1 jew 2 għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Jekk wara dan il-perjodu l-problemi speċifiċi msemmija f'dawk il-paragrafi jippersistu, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva xierqa biex tistabbilixxi soluzzjoni permanenti ***b'valutazzjoni tal-impatt u prova tal-effikaċja mkejla tal-miżuri interim fil-paragrafi 1 u 2 li huma maħsuba biex isiru permanenti, f'konformità ma-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar[1a]***.
	[1a] Regoli tal-Kummissjoni dwar it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza: https://commission.europa.eu/law/law-making-process/better-regulation_mt

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan biex jiġi żgurat tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza anke fi "proċeduri ta' emerġenza" bħal dawn, u biex jiġi pprevenut li l-Kummissjoni terġa' tikser ir-regoli tagħha stess ta' "regolamentazzjoni aħjar". Intużaw ġustifikazzjonijiet dgħajfa jew l-ebda

ġustifikazzjoni biex tinbidel b'mod sinifikanti l-politika, inklużi każijiet fid-deċiżjoni tal-Ombudsman 1379/2024/MIK. Fl-aħħar perjodu ta' programmazzjoni, l-arkitettura ekoloġika tal-PAK inbidlet 6 darbiet minn meta l-koleġiżlaturi qablu dwar il-PAK il-ġdida tal-2021, u lanqas biss darba ma ġiet ippruvduta valutazzjoni tal-impatt jew kwalunkwe evidenza lil-leġiżlaturi, eż. iż-żona/il-benefiċjarji affettwati, kif se jiġu affettwati, eċċ.

Emenda 3387
Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4 – inċiż 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Aġġustament tal-allokazzjonijiet finanzjarji tal-PAK għall-inflazzjoni
	1. L-allokazzjonijiet finanzjarji previsti f'dan ir-Regolament għandhom jippreżervaw il-valur reali tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni.
	2. Meta r-rata tal-inflazzjoni annwali kumulattiva fl-Unjoni, kif imkejla mill-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) ippubblikat mill-Eurostat, taqbeż it-2 % fi kwalunkwe sena finanzjarja partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tagħha fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-appoġġ tal-PAK.
	3. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, mingħajr dewmien żejjed, proposta leġiżlattiva biex taġġusta l-allokazzjonijiet finanzjarji rilevanti skont dan ir-Regolament sabiex tippreżerva l-effettività tal-appoġġ tal-PAK u tiżgura l-ilħuq kontinwu tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE.

Or. en

Emenda 3388
Céline Imart

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Artikolu 22a - Kontrolli
	(1) Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti dwar il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-regolament dwar il-PAK]. L-Istati Membri jeħtiġilhom jużaw is-sistema ta' kontroll diġà stabbilita għall-kundizzjonalità biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' ġestjoni agrikola tajba.
	(2) Is-sanzjonijiet amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat mar-rekwiżiti tal-ġestjoni tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [PAK, ġestjoni tal-azjendi agrikoli], meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ta' ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. Bħala regola ġenerali, it-tnaqqis għandu jkun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 5 % tal-ammont ta' dawn il-pagamenti.
	Meta n-nuqqas ta' konformità jkun żgħir, ma għandha tiġi applikata l-ebda sanzjoni amministrattiva.
	Or. fr

Emenda 3389

Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Għall-finijiet tal-awditjar u l-kontroll, it-trasparenza u l-monitoraġġ kif ukoll l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu b'mod elettroniku l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g), filwaqt li jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi, jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-anonimizzazzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data personali u l-awtentikazzjoni tal-utenti, u jippermettu l-iskambju awtomatizzat ta' data aggregata mas-sistema elettronika dežinjata mill-Kummissjoni.* ***Fir-rigward tad-data msemmija fil-paragrafu 1 relatata mal-interventi tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni kull sena, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru tas-sena N, l-informazzjoni aggregata u anonimizzata dwar il-pagamenti bbażati fuq iż-żona u fuq l-annimali li jkunu saru fis-sena tat-talba N-1, l-interventi settorjali implimentati fis-sena kalendarja N-1, u kwalunkwe intervent ieħor, kif xieraq.

Or. fr

Emenda 3390
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 22a
	Qafas ta' prestazzjoni

1. Għandu jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni taħt ir-responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Dan il-qafas ta' prestazzjoni jippermetti li jitqiesu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-pjan SNR tal-PAK matul l-implimentazzjoni tiegħu. Il-qafas ta' prestazzjoni għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) sett ta' indikaturi komuni tal-output, tar-riżultati, tal-impatt u tal-kuntest;

(b) objettivi u stadji importanti annwali stabbiliti abbażi tal-objettiv speċifiku kkonċernat, bl-użu tal-indikaturi tar-riżultati rilevanti;

(c) il-ġbir, il-ħżin u t-trażmissjoni tad-data;

Il-qafas ta' prestazzjoni għandu dawn l-objettivi:

(a) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-PAK;

(b) jimmonitorja l-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-pjanijiet SNR tal-PAK;

(c) jivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tal-interventi previsti fil-pjanijiet SNR tal-PAK;

(d) jappoġġa proċess ta' tagħlim komuni dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni.

Or. fr

Emenda 3391
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti	2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti

delegati msemmija fl-Artikolu ***21(6)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	delegati msemmija fl-Artikolu ***21(5)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Or. en

Emenda 3392
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu ***21(6)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu ***21(5)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Or. en

Emenda 3393
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***21(6)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***21(5)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 3394
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***21(6)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***21(5)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 3395

Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***21(6)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***21(5)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 3396
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***21(6)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***21(5)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 3397
Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6 – inċiż 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Miżuri tranżizzjonali
	Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu [...], il-miżuri meħtieġa biex tiżgura tranżizzjoni bla xkiel u legalment ċerta mill-arranġamenti previsti fir-Regolamenti (UE) Nru [...] għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri għandhom jiggarantixxu l-kontinwità tal-appoġġ, jipproteġu d-drittijiet miksuba u l-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji u jipprevjenu kwalunkwe interruzzjoni tal-pagamenti jew tal-impenji li tirriżulta biss mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet li skonthom l-appoġġ approvat skont il-qafas legali preċedenti jista' jkompli u jiġi integrat skont dan ir-Regolament, inklużi l-assistenza teknika u l-evalwazzjonijiet ex post.

Or. en

Emenda 3398
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Evalwazzjoni
	1. Sat-30 ta' Ġunju 2031, il-Kummissjoni għandha twettaq l-ewwel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet ewlenin

ta' dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Tali rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġiżlattivi.

2. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta, mill-inqas:

(a) l-effettività ta' dan ir-Regolament fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu u, meta jkun xieraq, għandha tidentifika modi biex ittejjeb dik l-effettività;

(b) l-adegwatezza kontinwa ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-kuntest ekonomiku u ġeopolitiku.

Or. en

Emenda 3399
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Sat-30 ta' Ġunju 2031, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jivvaluta, b'mod partikolari, l-effettività tar-Regolament fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, tal-introjtu tal-bdiewa, tal-kompetittività tas-settur agroalimentari, tal-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, tas-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, tat-tiġdid ġenerazzjonali u tar-rispons għall-kriżijiet tas-suq, tas-saħħa, klimatiċi jew ġeopolitiċi. Meta jkun applikabbli, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex jiġi adottat dan ir-Regolament.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-PAK trid tkun kapaċi tadatta għal kuntest ekonomiku, klimatiku u ġeopolitiku dejjem aktar inċert. Klawżola ta' reviżjoni tagħmilha possibbli li jiġi vvalutat jekk il-qafas 2028-2034 għadux biżżejjed għall-bdiewa, għal min irabbi l-bhejjem u għas-sigurtà tal-ikel.

Emenda 3400
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Rieżami
	Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2031, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jivvaluta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandu, b'mod partikolari, jeżamina l-effettività tiegħu fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu u r-rilevanza tiegħu fir-rigward tal-kuntest ekonomiku u ġeopolitiku. Fejn xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 3401
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Klawżola ta' rieżami

Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar is-sejbiet ewlenin sat-30 ta' Ġunju 2031. Dan ir-rapport għandu jivvaluta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-effikaċja tiegħu rigward l-ilħuq tal-objettivi, u anke kemm għadu rilevanti fid-dawl tal-kuntest ekonomiku u ġeopolitiku. Jekk ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emendi ta' dan ir-Regolament.

Or. pl

Emenda 3402
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Arranġamenti tranżizzjonali
	Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-applikazzjoni kontinwa tar-regoli tal-qafas attwali tal-PAK li jkopru l-perjodu mill-2023 sal-2027 ("il-qafas attwali tal-PAK") u pagamenti mingħajr interruzzjoni lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra, u b'hekk jipprovdi prevedibbiltà u stabbiltà matul il-perjodu tranżizzjonali fis-snin 2028 u 2029 ("perjodu tranżizzjonali") sad-data tal-applikazzjoni tal-qafas legali l-ġdid.

Or. en

Emenda 3403
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament

Artikolu 24b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24b
	Perjodu ta' tranżizzjoni
	Ir-regoli applikabbli fl-ambitu tal-PAK 2023-2027 attwali għandhom jibqgħu japplikaw tul il-perjodu ta' tranżizzjoni 2028-2029 jew sad-data ta' applikazzjoni tal-qafas legali l-ġdid sabiex jiġu żgurati pagamenti bla waqfien lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħrajn.

Or. pl

Emenda 3404
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 24c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24c
	Ekwivalenza tar-rekwiżiti rigward il-kummerċ tal-ikel
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-prodotti agrikoli importati minn pajjiżi terzi jissodisfaw rekwiżiti ta' produzzjoni ekwivalenti għal dawk imposti fuq il-produtturi tal-Unjoni fejn jidħlu l-benesseri tal-annimali, l-istandards ta' produzzjoni u l-istandards għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji, inkluż rigward l-użu ta' sustanzi mhux awtorizzati fl-Unjoni u l-identifikabbiltà; il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-koleġiżlaturi rapport annwali dwar l-ekwivalenza ta' dawn ir-rekwiżiti, flimkien ma' proposti leġiżlattivi fil-każ li jiġu identifikati diskrepanzi.

Or. pl

Emenda 3405
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25a
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll fil-Pjanijiet SNR tagħhom id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
	(a) "attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(i) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha li għandhom l-għan li jiksbu dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(ii) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benessri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

Or. en

Ġustifikazzjoni

SNR Artikolu 22

Fil-punt (a), "wieħed jew" titħassar

Ġustifikazzjoni

Dan l-approċċ jiżgura li ż-żewġ kundizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati biex jgħinu biex l-appoġġ tal-PAK jiġi mmirat lejn persuni ġenwinament involuti f'attività agrikola. Dan l-approċċ jipprevjeni l-pagamenti lill-hekk imsejħa "bdiewa tas-sufan" u fondi kbar ta' investiment li ma jżawx l-art agrikola għall-produzzjoni, ma jikkontribwux għas-sigurtà tal-ikel, iżda jżaw il-"manutenzjoni taż-żoni agrikoli" biex iżommu l-eliġibbiltà għall-appoġġ tal-PAK.

Emenda 3406
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 25b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25b
	1. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK]. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistema ta' kontroll tagħhom diġà stabbiliti biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità.
	2. IMĦASSAR
	3. IMĦASSAR
	4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità bi ħtija mwettaq jew b'negliġenza jew b'intenzjoni mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [PAK] meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	5. In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. It-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-

tnaqqis għandu jkun ta' mill-inqas 5 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. Meta n-nuqqas ta' konformità jkun insinifikanti, ma għandha tiġi applikata l-ebda penali amministrattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

NRP Article 62

- in point 1. "as part of the controls referred to in Article 58 [Responsibilities of Member States] " deleted

- in point 1. "farm stewardship" replaced by "conditionality"

- in point 1. "and with Article XX paragraph XX of Regulation (EU) 202X/XXXX [CFP Regulation]." replaced by ". Member States shall make use of their control system already in place to check compliance with the conditionality requirements."

- point 3. deleted

- point 3. deleted

- in point 4. after "apply to" added "culpable"

- in point 4. after " non-compliance" added "committed either negligently or intentionally"

- in point 4. ", farm stewardship" deleted

- in point 5. before "intentional" added "negligent or"

- in point 5. "shall be at least 15 % " replaced by "may be increased to 5 % "

- in point 5. at the end added "Where the non-compliance is insignificant, no administrative penalty shall be applied."